KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 19.9.2007
KUMM(2007) 529 finali

2007/0196 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li temenda d-Direttiva 2003/55/KE rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2007) 1179}
{SEG(2007) 1180}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-elettriku u l-gass jinsabu fil-qofol tal-benessri ta' l-Ewropa. Mingħajr suq kompetittiv u effiċjenti ta' l-elettriku u tal-gass, iċ-ċittadini ta' l-Ewropa jkollhom iħallsu prezzijiet eċċessivi għal waħda mill-aktar ħtiġijiet fundamentali ta' kuljum tagħhom. Is-suq ta' l-elettriku u l-gass huwa wkoll essenzjali għall-kompetittività ta' l-Ewropa, minħabba li l-enerġija hija fattur importanti fl-industrija Ewropea.

Barra minn hekk, suq kompetittiv u effiċjenti ta' l-elettriku u l-gass huwa prerekwiżit biex nittrattaw it-tibdil fil-klima. Ikun biss b'suq li jaħdem sewwa li jkunilna possibbli niżviluppaw mekkaniżmu effikaċi għall-iskambju ta' l-emissjonijiet, kif ukoll industrija ta' l-enerġija li tiġġedded li tilħaq il-mira ambizzjuża maqbula mill-Kunsill Ewropew li jiġi żgurat li, sa l-2020, 20% ta' l-enerġija globali ta' l-UE tkun ġejja minn sorsi li jiġġeddu.

Fl-aħħarnett, suq kompetittiv ta' l-elettriku u l-gass fi ħdan l-UE kollha kemm hi huwa kruċjali biex niżguraw is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija ta' l-Ewropa, minħabba li huwa biss suq mifrux ma' l-Ewropa kollha u kompetittiv li joffri aċċess ġust għan-netwerk lill-investituri potenzjali kollha, u jipprovdi inċentivi reali u effikaċi, sew lill-operaturi tan-netwerks kif ukoll lill-produtturi ta' l-enerġija, biex jinvestu l-biljuni ta' euro li se jkunu meħtieġa fl-UE matul iż-żewġ deċennji li ġejjin.

Il-proċess tal-liberalizzazzjoni tas-suq ta' l-elettriku u l-gass inbeda madwar 10 snin ilu. Matul dawn l-10 snin, bosta miċ-ċittadini ta' l-Ewropa gawdew minn aktar għażla u aktar kompetizzjoni, b'servizz u sigurtà mtejba. Madankollu, il-valutazzjoni li għamlu l-Kummissjoni u r-regolaturi Ewropej ta' l-enerġija wriet li l-proċess ta' l-iżvilupp ta' swieq tassew kompetittivi għad fadallu ħafna biex jitlesta. Fil-prattika, wisq miċ-ċittadini u l-azjendi ta' l-UE għadhom neqsin minn għażla reali ta' fornituri. Il-frammentazzjni tas-suq bil-fruntieri nazzjonali, grad għoli ta' integrazzjoni vertikali u konċentrazzjoni għolja tas-suq jinsabu fil-għerq tan-nuqqas ta' suq intern reali.

Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttivi preżenti dwar l-elettriku u l-gass f'Lulju 2003, il-Kummissjoni konsistentement issorveljat l-implimentazzjoni u l-effetti tagħhom fis-suq, u baqgħet f'kuntatt regolari mal-partijiet kollha interessati. B'mod partikolari, kull sena l-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tas-suq intern ta' l-elettriku u l-gass. Organizzat il-Forum tar-Regolaturi ta' l-Elettriku f'Firenze u l-Forum tar-Regolaturi tal-Gass f'Madrid, b'tali mod li laqqgħet flimkien, fuq bażi regolari, ministeri, awtoritajiet regolatorji nazzjonali, il-Kummissjoni, operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, fornituri, kummerċjanti, konsumaturi, unjins, utenti tan-netwerks u l-boroż ta' l-enerġija.

Fi tmiem l-2005, il-Kunsill Ewropew ta' Hampton Court sejjaħ għal Politika Ewropea tassew dwar il-Politika. B'reazzjoni għal din is-sejħa, fit-8 ta' Marzu 2006 il-Kummissjoni ppubblikat *Green Paper* dwar l-iżvilupp ta' Politika Ewropea ta' l-Enerġija komuni u koerenti. Il-konsultazzjoni pubblika ħalliet 1 680 risposta. Diġà fl-2005, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni tas-swieq tal-gass u l-elettriku. L-investigazzjoni dwar l-enerġija kienet risposta għat-tħassib li esprimew il-konsumaturi u azjendi li daħlu ġodda fis-settur dwar l-iżvilupp tas-suq tal-gass bl-ingrossa u dwar l-għażla limitata għall-konsumaturi. Il-Kummissjoni adottat ir-Rapport Finali ta' l-investigazzjoni, flimkien ma' pakkett komprensiv ta' miżuri, biex tipproponi Politika ta' l-Enerġija għall-Ewropa fl-10 ta' Jannar 2007.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Jannar 2007 intitolata "Politika ta' l-Enerġija għall-Ewropa"[1] saħqet fuq l-importanza li jiġi kkompletat s-suq intern ta' l-elettriku u tal-gass naturali. Jirfdu l-Komunikazzjoni kien hemm rapport komprensiv dwar is-suq intern, ir-riżultati finali ta' l-investigazzjoni tal-kompetizzjoni fis-settur, u analiżijiet fil-fond dwar il-qagħda tas-swieq nazzjonali tal-gass u l-elettriku. B'mod parallel, il-Kumissjoni għamlet valutazzjoni ta' l-impatt biex tiżen alternattivi ta' politika marbuta mal-kompletar tas-suq intern tal-gass u l-elettriku. Il-valutazzjoni ta' l-impatt inkludiet konsultazzjoni mal-partijiet interessati. Imtlew 339 kwestjonarju minn organizzazzjonijiet b'għeruqhom fi 19-il pajjiż. Barra minn hekk, organizzazzjonijiet mhux konnessi ma' pajjiż partikolari rċevew 73 kwestjonarju. Saru intervisti ma' 56 persuna interessata oħra, l-aktar kumpaniji li jistgħu jintlaqtu jew mis-separazzjoni ta' l-assi tagħhom jew inkella b'aktar rekwiżiti ta' trasparenza.

Il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007 lill-Kummissjoni stedinha tipproponi miżuri ulterjuri, bħalma huma:

- is-separazzjoni effettiva ta' l-attivitajiet ta' forniment u produzzjoni mill-operazzjonijiet tan-netwerk
- aktar armonizzazzjoni tas-setgħat tar-regolaturi nazzjonali ta' l-enerġija u tisħiħ ta' l-indipendenza tagħhom
- l-istabbiliment ta' mekkaniżmu indipendenti għall-kooperazzjoni bejn ir-regolaturi nazzjonali;
- il-ħolqien ta' mekkaniżmu għall-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni biex jittejbu l-kooordinament ta' l-operat tan-netwerks u s-sigurtà tax-xibka, il-kummerċ transkonfinali u l-operat tax-xibka; kif ukoll
- aktar trasparenza fl-operat tas-suq ta' l-enerġija.

Il-Kunsill Ewropew saħaq ukoll fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista, fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri.

Għal din ir-raġuni, il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar Prospetti għas-suq intern tal-gass u ta' l-elettriku li ġiet adottata fl-10 ta’ Lulju 2007, esprima appoġġ politiku qawwi għal politika komuni ta' l-enerġija, bil-fehma li "s-separazzjoni tas-sjieda fil-livell tat-trażmissjoni hija l-aktar għodda effettiva biex tippromwovi l-investiment fl-infrastrutturi b'mod mhux diskriminatorju, l-aċċess ġust għan-netwerk għall-kompetituri ġodda u t-trasparenza fis-suq". Madankollu, il-Parlament saħaq li jeħtieġu miżuri oħra wkoll, u li d-differenzi bejn is-suq ta' l-elettriku u dak tal-gass aktarx jitolbu arranġamenti differenti ta' implimentazzjoni. Il-Parlament Ewropew sejjaħ ukoll għat-titjib tal-"kooperazzjoni bejn regolaturi nazzjonali fil-livell ta' l-UE, permezz ta' entità ta' l-UE, bħala mezz għall-promozzjoni ta' approċċ aktar Ewropew għar-regolazzjoni dwar kwistjonijiet transkonfinali".

Il-Kunsill tar-Regolaturi Ewropej ta' l-Enerġija (CEER) laqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Jannar, u approva bil-qawwa s-sejħa għal leġiżlazzjoni ġdida ta' l-UE biex is-suq uniku ta' l-enerġija jerġa' jinġieb fit-triq it-tajba. Fis-6 ta' Ġunju 2007, ir-Regolaturi Ewropej ta' l-Enerġija ppubblikaw sett ta' sitt dokumenti li jadottaw pożizzjoni

[1] KUMM (2007) 1.

rigward il-kwistjonijiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar l-enerġija. Appoġġaw, b'mod partikolari, il-proposti tal-Kummissjoni għal sorveljanza regolatorja indipendenti msaħħa fuq il-livelli nazzjonali u ta' l-UE, kif ukoll għas-separazzjoni fin-netwerks tat-trażmissjoni. Ir-regolaturi rrikkmandaw ċar li s-separazzjoni tas-sjieda tat-trażmissjoni għandu jkun, fil-prinċipju, il-mudell rekwiżit fil-leġiżlazzjoni l-ġdida ta' l-UE, u għandha tapplika sew għall-enerġija kif ukoll għall-gass.

Dawn l-elementi tqiesu bis-sħiħ fit-tfassil tal-proposti preżenti, li huma ppreżentati fil-qosor hawn taħt.

## 1. IS-SEPARAZZJONI EFFETTIVA TA' L-ATTIVITAJIET TA' FORNIMENT U PRODUZZJONI MILL-OPERAZZJONIJIET TAN-NETWERK

### 1.1. Id-dispożizzjonijiet eżistenti dwar is-separazzjoni [*unbundling*] mhumiex biżżejjed biex jiżguraw suq li jiffunzjona tajjeb

Il-leġiżlazzjoni eżistenti tirrikjedi li l-operazzjonijiet tan-netwerk ikunu separati legalment u funzjonalment mill-attivitajiet ta' forniment, ġenerazzjoni jew produzzjoni. L-Istati Membri kkonformaw ma' dan ir-rekwiżit billi applikaw strutturi differenti ta' organizzazzjoni. Bosta Stati Membri waqqfu kumpanija għal kollox separata għall-operat tan-netwerk, filwaqt li oħrajn ħolqu entità legali fi ħdan kumpanija integrata. Ir-rekwiżiti ta' separazzjoni legali u funzjonali taw kontribut pożittiv għall-emerġenza ta' swieq kompetittivi ta' l-elettriku u tal-gass f'diversi Stati Membri.

Min-naħa l-oħra, l-esperjenza turi li, fejn operatur tas-sistema ta' trażmissjoni tkun entità legali fi ħdan kumpanija integrata, jitqajmu tliet tipi ta' problemi.

L-ewwelnett, jista' jkun li l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jagħti trattament preferenzjali lill-kumpaniji affiljati tiegħu, għad-detriment ta' partijiet terzi konkorrenti. Fil-fatt, il-kumpaniji integrati jistgħu jużaw assi tan-netwerk biex jagħmluha aktar diffiċli li jidħlu kompetituri ġodda. Ir-raġuni aħħarija hija li s-separazzjoni legali u dik funzjonali ma jsolvux il-kunflitt fundamentali ta' interess fi ħdan il-kumpaniji integrati, għax l-interessi ta' forniment u produzzjoni jimmiraw li jkattru kemm jista' jkun il-bejgħ u s-sehem tas-suq, filwaqt li l-operatur tan-netwerk huwa obbligat li joffri aċċess mhux diskriminatorju lill-kompetituri. Huwa prattikament impossibbli li dan il-kunflitt inerenti ta' interess jiġi kkontrollat b'mezzi regolatorji, għax huwa impossibbli li tiġi ssorveljata l-indipendenza ta' operatur tas-sistema ta' trażmissjoni fi ħdan kumpanija integrata mingħajr ma jkun hemm regolamentazzjoni qawwija u intrużiva wisq.

It-tieninett, bir-regoli attwali ta' separazzjoni, l-aċċess mhux diskriminatorju għall-informazzjoni ma jistax jiġi ggarantit, għax mhemm l-ebda mezz effikaċi biex l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ma jitħallewx jikxfu tagħrif sensittiv għas-suq lin-negozji ta' ġenerazzjoni jew ta' forniment tal-kumpanija integrata.

It-tieletnett, l-inċentivi ta' investiment fi ħdan kumpanija integrata jiġu mxekkla. Operaturi integrati vertikalment tan-netwerks ma għandhom l-ebda inċentiv biex in-netwerk jiżviluppawh fl-interess tas-suq, u b'hekk li jiffaċilitaw id-dħul ġdid fil-livelli tal-ġenerazzjoni jew tal-forniment; bil-maqlub, għandhom interess inerenti li l-investiment ġdid jillimitawh meta dan ikun ta' benefiċċju għall-kompetituri tagħhom u jġib kompetizzjoni ġdida fis-"suq domestiku" ta' min diġà qiegħed fil-post. Minflok, id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-

investiment ta' kumpaniji integrati vertikalment għandhom ix-xejra li jxaqilbu wisq lejn il-ħtiġijiet ta' entitajiet affiljati ta' forniment. B'mod partikolari jidher li dawn il-kumpaniji ma tantx ikollhom ħajra li jżidu l-interkonnessjonijiet jew il-kapaċità ta' importazzjoni tal-gass, b'tali mod li jagħtu spinta lill-kompetizzjoni fis-suq domestiku. Dan l-atteġġament huwa ta' ħsara għas-suq intern.

Fil-qosor, kumpanija li tibqa' integrata vertikalment għandha inċentiv intrinsiku sew biex ma tinvestix biżżejjed f'netwerks ġodda (bil-biża' li investimenti tat-tip jgħinu lil kompetituri jiffjorixxu fis-suq domestiku "tagħha") u li – kulfejn ikun possibbli – tiffavorixxi l-kumpaniji tal-bejgħ tagħha f'dak li jirrigwarda l-aċċess għan-netwerk. Dan jagħmel il-ħsara għall-kompetittività ta' l-UE u s-sigurtà tal-provvista tagħha u jippreġudika l-ilħiq tal-miri tagħha rigward it-tibdil fil-klima u l-ambjent.

Iċ-ċifri ta' l-investiment minn dawn l-aħħar snin juru hekk: kumpaniji integrati vertikalment, pereżempju, reġgħu investew anqas mid-dħul tagħhom mill-kiri transkonfinali ta' konġestjoni f'interkonnessjonjiet ġodda milli għamlu kumpaniji sseparati (unbundled) għal kollox. Is-separazzjoni effettiva tneħħi t-tip ta' tagħwiġ ta' l-inċentivi ta' investiment li huwa tipiku ta' l-operaturi integrati vertikalment tas-sistema ta' trażmissjoni. B'hekk iġġib 'il quddiem is-sigurtà tal-provvista. Il-Kummissjoni osservat li s-separazzjoni effettiva ta' l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni tippromwovi l-attività ta' investiment tat-TSO. L-Istati Membri kkonċernati sussegwentement attiraw investituri infrastrutturali ġodda li, pereżempju, jibnu terminals għall-gass naturali likwidu (LNG).

Barra minn hekk, il-prezz ta' l-elettriku fis-swieq differenti f'dawn l-aħħar snin jixhed il-benefiċċji tas-separazzjoni tas-sjieda: matul l-aħħar 10 snin, il-kumpaniji integrati vertikalment żiedu l-prezzijiet tagħhom aktar, u aktar żammew prezzijiet ogħla, minn oħrajn isseparati għal kollox.

### 1.2. Sepearazzjoni aktar effikaċi ta' l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni għalhekk hija meħtieġa biċ-ċar

Il-proposta konkreta f'dan ir-rigward tagħmilha ċara li l-għażla preferuta tal-Kummissjoni tibqa' s-separazzjoni tas-sjieda. Fil-prattika, dan ifisser li l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-istess persuna jew persuni ma jkollhomx id-dritt li jeżerċitaw il-kontroll fuq impriża ta' forniment fl-istess waqt li jkollhom interess fi, jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq, operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew sistema ta' trażmissjoni. Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll bil-maqlub, jiġifieri li l-kontroll fuq operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jeskludi l-possibbiltà ta' kwalunkwe interess fi jew l-eżerċizzju ta' kwalunkwe dritt fuq impriża ta' forniment.

Din l-għażla tippermetti sitwazzjoni fejn l-istess persuna, pereżempju fond ta' pensjoni, ikollha interessi ta' minoranza u mingħajr kontroll kemm f'operatur tas-sistema ta' trażmissjoni kif ukoll f'impriża ta' forniment. Madankollu, azzjonista ta' minoranza bħal dan la jista' jkollu drittijiet ta' blukkar fiż-żewġ impriżi, la jista' jaħtar il-membri tal-bordijiet tagħhom, u lanqas ma jista' jkun membru tal-bordijiet taż-żewġ impriżi. Din l-għażla, li tissepara s-sjieda biċ-ċar bejn l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u kwalunkwe impriża ta' forniment, hija l-aktar għażla effikaċi u stabbli biex tintlaħaq is-separazzjoni effettiva tan-netwerk tat-trażmissjoni, u b'hekk biex issolvi l-kunflitt inerenti ta' interess.

Sabiex jimplimentaw din l-għażla, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-arranġament li ġej, li jista' jgħin biex jitħarsu għal kollox l-interessi ta' l-azzjonisti ta' kumpaniji integrati vertikalment. L-ishma tal-kumpanija integrata vertikalment jistgħu jiġu diviżi f'ishma tal-kumpanija li

jkollha s-sjieda tas-sistema ta' trażmissjoni, fuq naħa, u f'ishma tal-kumpanija ta' forniment fuq in-naħa l-oħra. Wara dan, dawn l-ishma jistgħu jiġu attribwiti lill-azzjonisti tal-kumpanija li qabel kienet integrata vertikalment.

Waqt li l-Kumissjoni tqis li s-separazzjoni tas-sjieda tibqa' l-għażla preferuta, madankollu tipprovdi għażla alternattiva għal Stati Membri li jagħżlu li din it-triq ma jeħduhiex. Din l-għażla, madankollu, jeħtiġilha tipprovdi l-istess garanziji rigward l-indipendenza ta' l-azzjoni tan-netwerk ikkonċernat, u l-istess livell ta' inċentivi għan-netwerk biex jinvesti f'infrastruttura ġdida li tista' tibbenefika l-kompetituri. Din l-għażla, deroga mill-approċċ bażiku tas-separazzjoni tas-sjieda, hija magħrufa bħala "Operatur Indipendenti ta' Sistema". Din l-għażla lill-kumpaniji integrati vertikalment tippermettilhom iżommu s-sjieda ta' l-assi tan-netwerk tagħhom, iżda tirrikjedi li n-netwerk innifsu jitmexxa minn operatur indipendenti tas-sistema – impriża jew entità għal kollox separata mill-kumpanija integrata vertikalment – li taqdi l-funzjonijiet kollha ta' operatur ta' netwerk. Barra min hekk, biex jiġi żgurat li l-operatur tassew jibqa' indipendenti u jaġixxi indipendentement mill-kumpanija integrata vertikalment, jeħtieġ li jiġu implimentati regolazzjoni u monitoraġġ permanenti.

F'xi każijiet, kumpaniji integrati vertikalment jistgħu jiġu mġiegħla jiddisponu minn xi assi tagħhom, partikolarment in-netwerks tat-trażmissjoni tagħhom, jew l-operat ta' dawn l-assi lil parti terza, biex jikkonformaw mar-rekwiżit proposti tas-separazzjoni effettiva. Iżda ma jidhirx li hemm xi alternattiva għall-għażliet proposti, jekk irridu niżguraw l-indipendenza sħiħa ta' l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni (TSOs).

Iż-żewġ għażliet japplikaw bl-istess mod għas-settur ta' l-elettriku u tal-gass. Minkejja li l-Kummissjoni tagħraf li l-progress lejn is-separazzjoni tas-sjieda, b'mod ġenerali, huwa aktar avvanzat fis-settur ta' l-elettriku fl-UE, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda argument konvinċenti biex tiġġustifika trattament differenti taż-żewġ setturi. B'mod partikolari, il-kunflitt fundamentali ta' interess bejn l-attivitajiet ta' forniment u produzzjoni fuq naħa, u l-operat u l-iżvilupp tan-netwerk fuq in-naħa l-oħra, japplika għaż-żewġ setturi bl-istess mod. Barra minn hekk, biex jiġu konklużi ftehimiet ta' forniment fit-tul ma' produtturi tal-gass lejn il-bidu tal-katina, l-importanti mhuwiex il-proprjetà tan-netwerk iżda l-eżistenza ta' bażi soda ta' klijentela. Għaldaqstant, l-UE tibqa' mingħajr dubju suq attraenti ħafna tal-forniment tal-gass, irrispettivament mill-istruttura tas-sjieda tal-kumpaniji akkwirenti, li, ladarba jiġu sseparati b'mod effettiv, jkunu jistgħu jikkompetu għall-gass b'kundizzjonijiet indaqs. Il-Kummissjoni tagħraf, barra minn hekk, li t-trasport tal-gass, kontra t-trażmissjoni ta' l-elettriku, tinvolvi l-moviment fiżiku ta' molekuli tal-gass ġewwa *pipelines*. It-TSO għaldaqstant għandu grad ogħla ta' kontroll biex jiddefinixxi d-direzzjoni tal-flussi u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tas-sistema. Dan ifisser li s-separazzjoni effettiva tan-netwerks tal-gass hija importanti talanqas daqs dik fin-netwerks ta' l-elettriku.

Madankollu, bil-għan li jitħeġġeġ l-investiment f'infrastrutturi ġodda ta' l-enerġija minn kumpaniji ta' forniment u produzzjoni, din il-proposta tinkludi l-possibbiltà ta' deroga temporanja mir-regoli ta' separazzjoni tas-sjieda għall-bini ta' infrastruttura ġodda. Din l-eżenzjoni se tkun applikata fuq bażi ta' każ b'każ, b'qies għall-aspetti ekonomiċi ta' l-investiment ġdid, għall-għanijiet tas-suq intern kif ukoll l-ilħiq tal-mira tas-sigurtà tal-provvista.

F'konformità ma' l-Artikolu 295 KE, il-proposta tapplika bl-istess mod għall-kumpaniji pubbliċi u għal dawk privati. Dan ifisser li, irrispettivament min-natura pubblika jew privata tagħhom, l-ebda persuna jew grupp ta' persuni ma jista' jkun kapaċi li jinfluwenza, waħedhom jew b'mod konġunt, il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjonijiet tal-bordijiet, la ta' l-

operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u lanqas tal-kumpaniji ta' forniment jew produzzjoni. Dan jiżgura li, meta l-attivitajiet tal-forniment jew tal-produzzjoni jkunu fis-sjieda pubblika, l-indipendenza ta' operatur tas-sistema ta' trażmissjoni fis-settur pubbliku tibqa' ggarantita, iżda dawn il-proposti ma jirrikjedux li l-kumpaniji ta' l-istat ibigħu n-netwerk tagħhom lil kumpanija ta' sjieda privata. Pereżempju, biex jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit, kwalunkwe entità pubblika jew l-Istat jista' jittrasferixxi d-drittijiet (li jikkonferixxu "l-influwenza") lil persuna ġuridika oħra ta' sjieda pubblika jew privata. L-importanti jkun li, fil-każijiet kollha fejn isseħħ is-separazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat ikun jeħtieġlu juri li, fil-prattika, ir-riżultati jkunu tassew effikaċi, u li l-kumpaniji joperaw għal kollox separatament minn xulxin, u b'hekk joffru kundizzjonijiet tassew ekwi fi ħdan l-UE kollha kemm hi.

Fl-aħħarnett, għall-Istati Membri fejn ma hemmx netwerks ta' trażmissjoni tal-gass jew ta' l-elettriku iżda biss netwerk ta' distribuzzjoni, id-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni tas-sjieda ta' netwerks ta' trażmissjoni ma japplikawx.

## 1.3. Aspetti relatati ma' pajjiżi terzi

Din il-proposta titlob is-separazzjoni effettiva ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni mill-attivitajiet ta' forniment u produzzjoni mhux biss fuq il-livell nazzjonali iżda fl-UE kollha hemm hi. Dan ifisser, b'mod partikolari, li l-ebda kumpanija ta' forniment jew produzzjoni li tkun attiva fi kwalunkwe post ta' l-UE ma tista' topera jew tkun is-sid ta' sistema ta' trażmissjoni fl-ebda Stat Membru ta' l-UE. Dan ir-rekwiżit japplika b'mod ugwali għall-kumpaniji kemm ta' l-UE kif ukoll ta' barra mill-UE.

Il-pakkett fih salvagwardji biex jizguraw li, kemmildarba kumpaniji minn pajjiżi terzi jkunu jixtiequ jakkwistaw interess sinifikanti jew saħansitra l-kontroll fuq netwerk ta' l-UE, ikollhom jikkonformaw fid-dieher u bla ekwivoki ma' l-istess rekwiżiti ta' separazzjoni bħal kumpaniji ta' l-UE. Il-Kummissjoni tista' tintervjeni kulfjen akkwirent ma jkunx jista' jagħti prova ta' l-indipendenza tiegħu, sew diretta kif ukoll indiretta, minn attivitajiet ta' forniment u ġenerazzjoni.

Barra minn hekk, swieq u netwerks li jaħdmu sewwa huma essenzjali għall-kompetittività ta' l-ekonomija u l-benessri taċ-ċittadini. L-għan ta' din il-proposta huwa li ġġib 'il quddiem il-kompetizzjoni fis-swieq ta' l-enerġija ta' l-Ewropa, kif ukoll il-funzjonament tajjeb ta' dawn is-swieq. Fid-dawl ta' dan, huwa essenzjali – bla ħsara għall-obbligi internazzjonali tal-Komunità – li niżguraw li l-operaturi ekonomiċi kollha li huma attivi fis-swieq Ewropej ta' l-enerġija jirrispettaw il-prinċipji ta' l-investituri fis-swieq u jaġixxu skond dawn il-prinċipji. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li pajjiżi terzi u individwi minn pajjiżi terzi ma jkunux jistgħu jakkwistaw kontroll fuq sistema ta' trażmissjoni jew fuq operatur ta' sistema ta' trażmissjoni tal-Komunità sakemm dan ma jkunx permess bi ftehim bejn l-UE u l-pajjiż terz. L-għan huwa li niggarantixxu li kumpaniji minn pajjiżi terzi jobdu l-istess regoli li japplikaw għal impriżi bbażati fl-UE, sew fl-itrra kif ukoll fl-ispirtu – mhux li niddiskriminaw kontrihom. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni sejra tagħmel eżami rapidu u fil-fond ta' l-aspetti usa' tal-politika esterna ta' l-UE dwar l-enerġija, u sejra tippubbika r-riżultati ta' dak l-eżami.

Biex nikkonkludu dwar il-kwistjoni importanti tas-separazzjoni, dawn il-proposti għal separazzjoni effettiva huma pass neċessarju u deċiżiv lejn l-ilħiq ta' integrazzjoni tas-swieq ma' l-UE kollha. Din is-separazzjoni fl-aħħar mill-aħħar tista' tgħin biex jinħolqu operaturi supranazzjonali ta' sistemi tat-trażmissjoni, hekk kif l-operaturi ma jibqgħux imxekkla mis-suspett reċiproku. Iżda min-naħa l-oħra, jekk jinħolqu operaturi supranazzjonali ta' trażmissjoni mingħajr ma tiġi żgurata l-indipendenza sħiħa tagħhom, x'aktarx li, minħabba r-

riskju ta' akkordji, tiddgħajjef il-kompetizzjoni bejn kumpaniji affiljati tal-forniment u l-produzzoni. Fin-nuqqas ta' separazzjoni effettiva, kooperazzjoni ta' dan it-tip għaldaqstant tqajjem tħassib dwar il-kompetizzjoni. Dawn il-proposti notevolment jinkludu għadd ta' miżuri addizzjonali għall-promozzjoni ta' l-integrazzjoni tas-swieq ta' l-UE, partikolarment rigward kooperazzjoni aħjar fost l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni.

## 2. SETGĦAT U INDIPENDENZA MSAĦĦA TAR-REGOLATURI NAZZONALI

### 2.1. Regolaturi nazzjonali b'saħħithom biex jissorveljaw l-operat tas-swieq ta' l-elettriku u l-gass

Id-Direttivi eżistenti dwar l-elettriku u l-gass lill-Istati Membri jobbligawhom jistabbilixxu awtoritajiet regolatorji. F'bosta Stati Membri, l-awtoritajiet regolatorji huma entitajiet stabbiliti sew, b'setgħat u riżorsi importanti, li jippermettulhom jiżguraw regolamentazzjoni tajba tas-suq. Fi Stati Membri oħra, l-awtoritajiet regolatorji m'ilhomx li ġew stabbiliti, u s-setgħat tagħhom huma aktar dgħajfa jew inkella mferrxin fost korpi differenti. L-evalwazzjonijiet komprensivi tal-pajjiżi mill-Kummissjoni kixfet dan in-nuqqas ta' uniformità, u f'ħafna każijiet indikat ukoll id-dgħjufija ta' l-awtorità regolatorja.

L-esperjenza ta' l-Istati Membri li s-swieq tagħhom ilhom miftuħa għal bosta snin, u tas-setturi l-oħra ta' l-utilitajiet li huma miftuħa għall-kompetizzjoni, turi ċar li regolaturi b'saħħithom huma meħtieġa għal suq li jaħdem sewwa, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-użu ta' l-infrastrutturi tan-netwerk.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-għan ta' din il-proposta huwa li ssaħħaħ is-setgħat ta' l-awtoritajiet regolatorji. L-ewwelnett, għandu jingħatalhom mandat ċar biex jikkooperaw fil-livell Ewropew, f'kollaborazzjoni fil-qrib ma' l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija u mal-Kummissjoni, sabiex jiżguraw suq intern ta' l-elettriku u l-gass li jkun kompetittiv, sikur u ambjentalment sostenibbli fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll ftuħ effettiv fis-suq għall-konsumaturi u għall-fornituri kollha.

It-tieninett, huwa propost li jissaħħu s-setgħat tagħhom li jirregolaw is-suq, partikolarment fl-oqsma li ġejjin:

- is-sorveljanza tal-konformità ta' l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni ma' regoli dwar l-aċċess għal partijiet terzi, dwar l-obbligi ta' separazzjoni [*unbundling*], dwar mekkaniżmi ta' bbilanċjar, u dwar il-ġestjoni tal-konġestjoni u l-interkonnessjoni;

- ir-reviżjoni tal-pjanijiet ta' investiment ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, u l-provvediment fir-rapport annwali tagħhom ta' valutazzjoni tal-pjan ta' investiment ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fir-rigward tal-konsistenza tiegħu mal-pjan ta' żvilupp tan-netwerk madwar l-Ewropa fuq firxa ta' għaxar snin; il-monitoraġġ tas-sigurtà u l-affidabbiltà tan-netwerk, u r-reviżjoni tar-regoli dwar is-sigurtà u l-affidabbiltà tan-netwerk;

- il-monitoraġġ ta' l-obbligi ta' trasparenza;

- is-sorveljanza tal-livell ta' ftuħ u kompetizzjoni fis-suq, u l-promozzjoni ta' kompetizzjoni effettiva, f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni; kif ukoll

- l-iżgurar li l-miżuri għall-ħarsien tal-konsumatur ikunu effikaċi.

L-elettriku u l-gass huma fondamentalment differenti minn kommoditajiet oħrajn, għax huma prodotti bbażati fuq netwerk, li l-ħżin tagħhom huwa impossibbli jew jitlob wisq spejjeż. Dan jagħmilhom sensittivi għall-abbuż tas-suq, u jeħtieġ li titqawwa s-sorveljanza fuq l-impriżi li huma attivi fis-suq ta' l-elettriku u l-gass. Ir-regolaturi għaldaqstant jeħtieġ i jkollhom aċċess għall-informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet operattivi tal-kumpaniji. Huwa propost li l-kumpaniji jkollhom l-obbligu li jżommu reġsitru tad-*data* relatata ma' deċiżjoni operattiva tagħhom għal ħames snin, għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet regolatorji kif ukoll ta' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u tal-Kummissjoni, b'tali mod li dawn l-awtoritajiet ikunu jistgħu jeżerċitaw kontroll effikaċi fuq allegazzjonijiet ta' abbuż tas-suq. Dan jillimita l-ambitu ta' l-abbuż tas-suq, iqawwi l-fiduċja fis-suq, u b'hekk jistimola l-kummerċ u l-kompetizzzjoni.

Xi tipi ta' kummerċanti (pereżempju l-banek) diġà għandhom obbligi bħal dawn skond id-Direttiva dwar is-Swieq ta' l-Istrumenti Finanzjarji, u ma għandux ikollhom obbligi doppji. Għalhekk l-obbligi tar-reġistru għandhom ikunu bla ħsara għal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Komunità dwar is-swieq finanzjarji, u kompatibbli magħha. Ir-regolaturi tas-swieq ta' l-enerġija u tal-finanzi jeħtiġilhom jikkooperaw biex jgħinu lil xulxin ikollhom stampa komprensiva tas-swieq ikkonċernati. Qabel l-adozzjoni tal-linji gwida li jiddefinixxu r-rekwiżiti taż-żamma ta' reġistru, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija u l-Kumitat Ewropew tar-Regolaturi tat-Titoli (CESR) huma mistiedna jikkooperaw u jagħtu lill-Kummissjoni l-parir tagħhom dwar il-kontenut tal-linji gwida.

Sabiex ikunu jistgħu jaqdu d-dmirjiet tagħhom, l-awtoritajiet regolatorji għandha tingħatalhom is-setgħa li jistħarrġu, jitolbu t-tagħrif kollu neċessarju, u jimponu sanzjonijiet diswassivi. Jintalbu wkoll li jqisu bis-sħiħ l-għanijiet ta' l-effiċjenza fl-enerġija huma u jaqdu l-funzjonijiet regolatorji tagħhom.

## 2.2. L-indipendenza dimostrabbli tar-regolaturi twassal għall-fiduċja fis-suq

L-indipendenza ta' l-awtoritajiet Regolatorji hija prinċipju ewlieni ta' governanza tajba, u kundizzjoni fundamentali għall-fiduċja fis-suq. Il-leġiżlazzjoni ezistenti tirrikjedi li l-awtoritajiet regolatorji jkunu għal kollox indipendenti mill-interessi ta' l-industrija tal-gass u ta' l-elettriku. Madankollu, il-leġiżlazzjoni ma tispeċifikax kif din l-indipendenza għandha tiġi żgurata b'mod dimostrabbli, u ma tiggarantix l-indipendenza minn interessi politiċi ta' qasir żmien.

Kif jisħqu l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2007, kif ukoll il-Parlament Ewropew, it-tisħiħ ta' l-indipendenza tar-regolaturi nazzjonali ta' l-enerġija hija għaldaqstant prijorità.

Huwa propost li l-awtorità regolatorja tkun ġuridikament distinta u funzjonalment indipendenti minn kull entità oħra pubblika jew privata, u li l-persunal tagħha u kwalunkwe membru tal-korpi tagħha għat-teħid tad-deċiżjonijiet jaġixxu indipendentement minn kull interess tas-suq, u la jieħdu u lanqas ifittxu struzzjonijiet minn ebda gvern jew entità oħra pubblika jew privata. Għal dan il-għan, huwa propost li l-awtoritajiet regolatorji jkollhom personalità ġuridika, awtonomija tal-baġit, riżorsi umani u finanzjarji adegwati, u tmexxija indipendenti.

## 3. MEKKANIŻMU INDIPENDENTI BIEX IR-REGOLATURI NAZZJONALI JIKKOOPERAW U JIEĦDU D-DEĊIŻJONIJIET: L-AĠENZIJA GĦALL-KOOPERAZZJONI TAR-REGOLATURI TA' L-ENERĠIJA

### 3.1. L-esperjenza pożittiva ta' l-ERGEG għandha twassal għal struttura formali ta' kooperazzjoni

Minkejja li s-suq intern ta' l-enerġija żviluppa konsiderevolment, għad hemm lakuna regolatorja dwar kwistjonijiet transkonfinali. Biex tittratta din il-kwistjoni, il-Kummissjoni nediet fora awtoregolanti bħall-forum ta' Firenza (l-elettriku) u dak ta' Madrid (il-gass). Dawn il-fora jlaqqgħu flimkien partijiet interessati biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni.

Fl-2003, il-Kummissjoni waqqfet grupp konsultattiv indipendenti għall-elettriku u l-gass, il-"Grupp ta' Regolaturi Ewropej għall-Elettriku u l-Gass" (ERGEG), bil-għan li jiffaċilita l-konsultazzjoni, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-entitajiet regolatorji ta' l-Istati Membri, kif ukoll bejn dawn l-entitajiet u l-Kummissjoni, għat-tisħiħ tas-suq intern ta' l-elettriku u tal-gass naturali. l-ERGEG huwa magħmul minn rappreżentanti ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

F'dawn l-aħħar snin, l-attivitajiet ta' l-ERGEG taw kontribut pożittiv ħafna lejn l-ikkompletar tas-suq intern tal-gass u ta' l-elettriku, billi ħareġ linji gwida mhux vinkolanti u billi ta lill-Kummissjoni rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet. Madankollu, it-tnedija ta' fora awtoregolanti u l-istabbiliment ta' l-ERGEG ma rriżultatx fi spinta reali lejn l-iżvilupp ta' standards u approċċi komuni li huma meħtieġa biex iseħħu l-kummerċ transkonfinali u l-iżvilupp ta' l-ewwel swieq reġjonali, u fl-aħħar mill-aħħar, suq Ewropew ta' l-enerġija.

Mal-mogħdija taż-żmien, is-settur ta' l-enerġija sar iktar kumpless u ddettaljat, u aktar minn qabel jinvolvi l-interessi finanzjarji. L-approċċ attwali fi ħdan l-ERGEG, li fil-prattika s-soltu jeħtieġlu l-kunsens ta' 27 regolatur u aktar minn 30 TSO biex jilħaq qbil, mhuwiex iħalli riżultati suffiċjenti. Wassal għal għadd ta' kodiċijiet mhux vinkolanti u sforzi biex jintlaħaq qbil dwar approċċi komuni permezz ta' "konverġenza gradwali", imma mhux għal deċiżjonijiet reali fuq il-kwistjonijiet diffiċli li jeħtieġ li jittieħdu llum.

Fil-preżent, ir-regoli tekniċi li l-kumpaniji ta' l-elettriku jeħtiġilhom jaħdmu bihom, "kodiċijiet tax-xibka", ivarjaw enormement bejn l-Istati Membri, u ta' spiss ukoll fi ħdan Stat Membru nnifsu. Jekk irridu nintegraw is-swieq ta' l-enerġija fl-UE, dawn issa jeħtiġilhom jgħaddu minn proċess ta' konverġenza u mbagħad ta' armonizzazzjoni. .

Il-Kummissjoni vvalutat l-alternattivi differenti għall-organizzazzjoni tal-ħidmiet meħtieġa, inkluża l-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni tkunx tista' tieħu ħsiebhom hija stess. l-armonizzazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet, kif ukoll il-progress fuq l-infrastrutturi l-ġodda, mhijiex biċċa xogħol li tipikament taqa' fl-isfera ta' l-attività tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni fil-fatt qatt ma wettqet attività ta' dan it-tip. Tirrikjedi li l-għarfien espert fis-27 aġenzija regolatorja nazzjonali (NRAs) jaħdem flimkien; huma l-NRAs li jeħtiġilhom jaqblu dwar l-emendi tal-kodiċijiet nazzjonali tax-xibka tagħhom. Fil-prattika, huwa biss korp li jkun ħiereġ mir-regolaturi nazzjonali li jista' jikkatalizza r-riżorsi tar-regolaturi nazzjonali, u dan huwa fundamentali għall-ilħiq ta' suċċess fuq dawn il-kwistjonijiet. L-Aġenzija, permezz tal-Bord Regolatorju tagħha – li jikkonsisti mill-NRAs – tista' tħaddem il-persunal ta' dawn l-NRAs. Il-Kummissjoni ma tinsabx f'dik il-qagħda.

Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kompiti rikjesti jkunu jistgħu jitwettqu minn entità separata, indipendenti mill-Kummissjoni u barra minnha. Sew il-Kunsill Ewropew, fir-Rebbiegħa 2007, kif ukoll il-Parlament Ewropew, approvaw din il-konklużjoni[2].

Għaldaqstant ġie kkunsidrat il-ħolqien ta' netwerk aktar b'saħħtu ta' regolaturi nazzjonali ta' l-enerġija. In-netwerk ta' awtoritajiet tal-kompetizzjoni li nħoloq fl-2004 skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 joffri mudell. Madankollu, dan ikun jirrikjedi l-ħolqien ta' setgħat awtonomi għall-Kummissjoni fis-settur ta' l-enerġija (attwalment, dawn is-setgħat jeżistu biss fil-qasam tar-regoli tal-kompetizzjoni). Fi kwalunkwe każ, is-setgħat ta' l-NRAs għandhom jissaħħu u jiġu armonizzati.

Barra minn hekk, il-mudell tas-sistema tal-Banek Ċentrali Ewropej jista' jkun applikabbli, imma ma għandux bażi ġuridika fit-Trattat. Mudell bħal dan ikun jirrikjedi emenda tat-Trattat.

Il-Kummissjoni għaldaqstant waslet għall-konklużjoni li, jekk għandu jiġi stabbilit korp indipendenti li jista' jagħmel rakkomandazzjonjiet lill-Kummissjoni rigward deċiżjonijiet li jinvolvu deċiżjonijiet sostantivi u jieħu deċiżjonijiet regolatorji individwali li jkunu vinkolanti fuq partijiet terzi rigward kwistjonjiet tekniċi dettaljati li jkunu delegati għalih, l-unika soluzzjoni tkun l-istabbiliment ta' Aġenzija.

Il-ħidmiet ewlenin proposti jikkomplementaw, fuq il-livell Ewropew, il-ħidmiet regolatorji li jwettquhom ir-regolaturi nazzjonali. L-istruttura għandha tipprovdi qafas li fih ir-regolaturi nazzjonali jistgħu jikkooperaw, eżami regolatorju tal-kooperazzjoni bejn l-operaturi tat-trażmissjoni u ambitu għat-teħid ta' deċiżjonijiet individwali rigward l-infrastruttura fit-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed. Din l-analiżi tirrifletti l-prinċipji ddefiniti mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Ftehim Interistituzzjonali dwar il-qafas operattiv ta' l-aġenziji regolatorji Ewropej[3], b'mod partikolari fejn tidħol il-possibbiltà li jiġu adottati deċiżjonijiet individwali vinkolanti għal partijiet terzi.

Il-proposta li ġejja tibni wkoll fuq l-alternattiva "ERGEG+" imsemmija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Jannar 2007 "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa"[4].

### 3.2. Il-kompiti ewlenin ta' l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija proposta

Il-ħidmiet ewlenin proposti jikkomplementaw, fuq il-livell Ewropew, il-ħidmiet regolatorji li jwettquhom ir-regolaturi nazzjonali.

---

2 Fil-konklużjonijiet tiegħu, il-Kunsill Ewropew jaqbel dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu indipendenti biex ir-regolaturi nazzjonali jikkooperaw u jiieħdu d-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet transkonfinali importanti, filwaqt li r-Rapport adottat ta' Vidal Quadras jistqarr li l-PE "jilqa’ b’sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni li tittejjeb il-koperazzjoni bejn regolaturi nazzjonali fil-livell ta’ l-UE, permezz ta' entità ta' l-UE, bħala mezz għall-promozzjoni ta’ approċċ aktar Ewropew għar-regolazzjoni dwar kwistjonijiet transkonfinali; iqis li aktar konverġenza u armonizzazzjoni tal-kompetenzi tagħhom huma essenzjali biex jingħelbu differenzi tekniċi u regolatorji li jimponu ostakoli kbar għall-kummerċ u għall-interkonnessjonijiet transkonfinali; jenfasizza li l-Kummissjoni għandu jkollha rwol ewlieni, filwaqt li ma ddgħajjifx l-indipendenza tar-regolaturi; jemmen li d-deċiżjonijiet meħuda mir-regolaturi għandhom ikunu bbażati fuq kwistjonijiet tekniċi u ta' kummerċ iddefiniti b'mod speċifiku u fuq bażi infurmata filwaqt li jitqiesu, meta xieraq, il-fehmiet tat-TSOs u ta' partijiet interessati rilevanti oħra, u għandhom jorbtu legalment;".

3 KUMM(2005) 59.

4 ĠU C […], […], p. […].

– *Il-provvediment ta' qafas għall-kooperazzjoni tar-regolaturi nazzjonali.* Huwa propost li jittejjeb it-trattament tas-sitwazzjonijiet transkonfinali. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi proċeduri għall-kooperazzjoni fost ir-regolaturi nazzjonali, b'mod partikolari fejn jidħol l-iskambju ta' informazzjoni u t-tqassim tal-kompetenzi f'każijiet fejn ikun hemm aktar minn Stat Membru wieħed involut. Dan il-qafas għandu jrawwem ukoll il-kooperazzjoni reġjonali fost ir-regolaturi nazzjonali.

– *Monitoraġġ regolatorju tal-kooperazzjoni fost l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni.* L-Aġenzija se jkollha d-dmir li tissorvelja u teżamina l-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew ta' l-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni ta' l-Elettriku kif ukoll l-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew ta' l-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass. B'mod partikolari, se tkun involuta fl-istabbiliment ta' prijoritajiet permezz tal-programm ta' ħidma tan-Netwerks, fl-eżami tal-pjan tagħhom ta' investiment fuq medda ta' 10 snin, kif ukoll fit-tfassil ta' kodiċijiet tekniċi u tas-suq. L-eżami tal-pjan ta' investiment huwa bla ħsara għar-responsabbiltà ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għal nuqqasijiet tekniċi, kif definita fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. F'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn il-kodiċijiet tekniċi u tas-suq, l-Aġenzija se jkollha l-possibbiltà li titlob lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni li jemendaw l-abbozzi tagħhom jew li jindirizzaw kwistjonijiet aktar speċifiċi f'aktar dettall. Barra minn hekk, se jkollha l-possibbiltà li tirrakkomanda lill-Kummissjoni li dawn il-kodiċijiet isiru vinkolanti, fejn implimentazzjoni volontarja mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għal ċerti kwistjonijiet ma tkunx biżżejjed jew ma tkunx f'lokha. L-Aġenzija tista' tirrakkomanda li l-abbozz imfassal mill-operaturi ta' trażmissjoni jiġi emendat, jew tirrakkomanda li l-Kummissjoni tipprovdi dispożizzjonijiet addizzjonali. Fil-prattika, dan il-mekkaniżmu se jieħu s-sura ta' djalogu kostruttiv u kontinwu bejn l-Aġenzija, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u l-Kummissjoni. L-involviment ta' l-Aġenzija se jkun ta' l-akbar importanza biex jiżgura li l-kooperazzjoni ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ssir b'mod effiċjenti u trasparenti, għall-ġid tas-suq intern.

– *Setgħat ta' deċiżjoni f'każijiet konkreti.* Bil-għan li jiġu ttrattati kwistjonijiet speċifiċi transkonfinali, huwa propost li l-Aġenzija tingħata setgħat li tieħu deċiżjonijiet individwali dwal l-eżenzjoni[5], dwar talbiet rigward assi ta' l-infrastruttura ta' interess Ewropew, kif ukoll dwar is-sistema regolatorja applikabbli għall-infrastruttura fi ħdan it-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed. Barra minn hekk, l-Aġenzija tkun tista' tieħu deċiżjoniijiet speċifiċi fuq kwistjonjiet tekniċi individwali meta dawn jiġu assenjati lil-Aġenzija skond Linji ta' Gwida speċifiċi adottati f'konformità mad-Direttivi ta' l-Elettriku u l-Gass, bi proċedura ta' komitoloġija.

– *Rwol ta' konsulenza ġenerali.* L-Aġenzija jkollha wkoll rwol ta' konsulenza fil-konfront tal-Kummissjoni rigward kwistjonijiet ta' regolazzjoni tas-suq, u tista' toħroġ linji gwida mhux vinkolanti bil-għan li tippubbliċizza prassi tajba fost ir-regolaturi nazzjonali. Fuq bażi ta' każ b'każ, ikollha wkoll is-setgħa li teżamina kwalunkwe deċiżjoni meħuda minn awtorità regolatorja nazzjonali li tolqot direttament is-suq intern, u tagħti opinjoni lill-Kummissjoni, dejjem fid-dawl tal-miżuri ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fis-settur tal-gass u ta' l-elettriku.

Minkejja li s-setgħat tagħha ma jistgħux jiġu estiżi biex ikopru d-deċiżjonijiet normattivi (bħalma hija l-adozzjoni formali ta' linji ta' gwida obbligatorji), l-Aġenzija l-ġdida globalment

---

[5] Kif iddefiniti fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2003/55/KE u fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1228/2003.

sejra jkollha rwol kruċjali fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-regoli Ewropej tas-suq tal-gass u l-elettriku.

### 3.3. Il-governanza ta' l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija proposta

Il-qafas istituzzjonali u l-prinċipji ta' governanza ta' l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija fil-prinċipju huma msejsa fuq regoli u prattiċi standard għall-aġenziji regolatorji Komunitarji.

Madankollu, għandha titqies l-indipendenza neċessarja tal-funzjonijiet regolatorji tagħha. Għal dan il-għan, minbarra l-bord tat-tmexxija responsabbli għall-kwistjonijiet kollha ta' amministrazzjoni u baġitarji, huwa propost li jinħoloq bord ta' regolaturi, li jkun responsabbli għall-kwistjonijiet u d-deċiżjonijiet regolatorji kollha. Id-Direttur, maħtur minn Bord Amministrattiv, wara konsultazzjoni mal-Bord Regolatorju, jintagħżel minn fost lista selettiva (*shortlist*) adottata mill-Kummissjoni. Id-Direttur jirrappreżenta lill-Aġenzija, u għandu jkun responsabbli għat-tmexxija tagħha ta' kuljum. Barra minn hekk, l-istruttura ta' l-Aġenzija tipprevedi li jkun hemm Bord ta' l-Appell, li jkun kompetenti biex jittratta appelli kontra deċiżjonijiet adottati mill-Aġenzija.

### 3.4. Aspetti finanzjarji

Huwa propost li l-Aġenzija, fid-dawl tal-kompiti tagħha, għandu jkollha persunal limitat ta' 40-50 ruħ. Din l-evalwazzjoni tibbaża fuq analiżi estensiva tal-ħtiġijiet ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'dak li jirrigwarda l-persunal, kif ukoll analiżi bir-reqqa tar-riżorsi minimi meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti proposti, partikolarment fid-dawl tal-possibbiltà ta' sinerġiji fit-tħaddim tar-riżorsi ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex jgħinu fil-ħidma ta' l-aġenzija. Il-persunal propost huwa konformi mal-ħtiġijiet ta' dawn l-awtoritajiet[6]. Kif intqal aktar 'il fuq, li kieku l-Kummissjoni kellha tipprova twettaq il-kompiti ta' l-Aġenzija, l-għadd tal-persunal ikun wisq akbar.

l-ispejjeż annwali totali ta' l-Aġenzija huma stmati għal madwar EUR 6-7 miljun fis-sena, li minnhom EUR 5 miljun ikunu għall-infiq fuq il-persunal (bil-medja kull persuna ta' l-ispiża tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea, jiġifieri EUR 0.117 miljun fis-sena, somma li tinkludi l-infiq assoċjat mal-binjiet u l-ispejjeż amministrattivi assoċjati), EUR 1 miljun spejjeż operattivi (laqgħat, studji, kif ukoll l-ispejjeż tat-traduzzjoni, il-pubblikazzjoni u r-relazzjonijiet pubbliċi), u l-bqija għall-ispejjeż kapitali (li jirrigwardaw l-akkwist ta' proprjetà immobbli u nfiq assoċjat) u l-ispejjeż tal-missjonijiet.

L-ispejjeż annwali ta' l-Aġenzija se jkunu koperti mill-għotjiet Komunitarji. l-Aħenzija għandha dħul limitat ġej minn ħlasijiet li jagħmluhom partijiet terzi li jkunu dovuti meta l-Aġenzija tieħu ċerti deċiżjonijiet.

### 3.5. Ir-rwol tal-Kummissjoni

Fil-prinċipju, hemm tliet salvagwardji differenti biex jiżguraw il-pożizzoni u r-rwol tal-Kummissjoni bħala l-gwardjan tat-Trattat.

Qabel xejn, jekk l-Aġenzija tieħu deċiżjoni, din tkun torbot biss għal sitwazzonijiet tekniċi speċifiċi li huma espliċitament previsti fir-Regolament u fid-Direttivi, jew provduti bil-Linji

6 Jinhemeż organigramm mal-Memorandum ta' Spjegazzjoni.

Gwida vinkolanti fuq bażi ta' każ b'każ. L-Aġenzija ma jkollha l-ebda diskrezzjoni politika lil hinn inn dan il-qafas.

It-tieni, jekk il-kooperazzjoni tat-TSOs jew deċiżjonijiet mieħuda mill-NRAs jheddu l-kompetittività effikaċi u l-funzjonament effiċjenti tas-suq, l-Aġenzija għandha minnufih tavża lill-Kummissjoni b'dan, u mbagħad din ta' l-aħħar tkun tista' tieħu l-miżuri meħtieġa biex tirranġa l-qagħda. *Il-Kummissjoni tista' wkoll taġixxi b'inizjattiva tagħha.*

It-tielet, kulfejn ikun meħtieġ li tittieħed deċiżjoni sostantiva, dan tkun tista' tagħmlu biss il-Kummissjoni. F'dawn il-każijiet, l-Aġenzija għandha biss rwol ta' tħejija u konsulenza. Is-Servizz Ġuridiku tal-Kummisjsoni eżamina t-test bir-reqqa f'dan ir-rigward, biex jiżgura li l-Aġenzija ma jkollha l-ebda setgħa sostantiva diskrezzjonarja.

Barra minn hekk, ikun kompitu tal-Kummisjsoni li, permezz ta' l-adozzjoni ta' Linji ta' Gwida vinkolanti, tispeċifika aktar u tistipula r-rwol ta' l-Aġenzija.

## 4. KOOPERAZZJONI EFFIĊJENTI BEJN L-OPERATURI TAS-SISTEMA TA' TRAŻMISSJONI

### 4.1. Kooperazzjoni qawwija bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni hija meħtieġa għall-integrazzjoni tas-suq ta' l-enerġija u tal-gass

Sabiex isseħħ l-integrazzjoni tas-suq, jeħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni effikaċi fost l-opearturi tas-sistema ta' trażmissjoni (TSOs) u qafas regolatorju ċar u stabbli, inkluż il-koordinament regolatorju. Jeħtieġ li r-regoli ta' l-aċċess għan-netwerk u r-regoli ta' l-operat ikunu kompatibbli, kif ukoll li jkun hemm skambju effettiv ta' informazzjoni bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u koordinament tajjeb ta' investimenti ġodda biex tiżdied il-kapaċità ta' interkonnessjoni. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-gass u l-elettriku diġà jikkooperaw b'mod volontarju fi strutturi eżistenti bħall-Operaturi Ewropej tas-Sistemi ta' Trażmissjoni (ETSO, ) u t-Trażmissjoni tal-Gass fl-Ewropa (GTE, ). Jikkooperaw fuq kwistjonijiet operattivi fuq il-livell reġjonali, u jieħdu sehem f'korpi tekniċi bħall-Unjoni għall-Koordinament tat-Trażmissjoni ta' l-Elettriku (UCTE, Union for the Co-ordination of Transmission of Electricity) u l-Assoċjazzjoni Ewropea għat-Tħaffif ta' l-Iskambju ta' l-Enerġija (EASEE-Gas, European Association for the Streamlining of Energy Exchange). Dawn l-inizjattivi ta' kooperazzjoni fuq ħafna livelli taw kontribut sinifikanti għas-suq intern, u taw spinta sew lill-effiċjenza u lis-sikurezza tan-networks.

Madankollu, il-kooperazzjoni volontarja wriet il-limiti tagħha, pereżempju fis-sura ta' inċidenti tan-netwerks u qtugħ ta' l-elettriku minħabba koordinament fqir fl-operat tan-netwerk jew inkella ħolqiet neqsin fin-netwerks tal-gass u l-elettriku, kif ukoll f'diffikultà biex jintlaħqu jew jinqablu standards tekniċi komuni. Għaldaqstant, huwa propost li l-operaturi tat-trażmissjoni jingħatalhom il-kompitu li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'għadd ta' oqsma ċentrali, b'enfasi fuq il-kwistjonijiet li ġejjin.

– *L-iżvilupp ta' "kodiċijiet" tas-suq u tekniċi*: Għall-integrazzjoni tas-swieq ta' l-elettriku u tal-gass, huwa meħtieġ sett koerenti ta' kodiċijiet tas-suq u tekniċi. Illum, dawn il-kodiċijiet jeżistu biss fuq bażi nazzjonali, jew inkella permezz tar-rakkomandazzjonijiet bħalma huma l-UCTE jew l-EASEE-gas. Il-problema bil-qagħda attwali għandha tliet aspetti: l-ewwelnett, ir-regoli eżistenti ma jkoprux l-oqsma kollha li jeħtiġilhom jiġu armonizzati biex ikun jista jiffunzjona suq integrat, it-tieni, il-kodiċijiet nazzjonali spiss ma jkunux kompatibbli bejniethom, u t-tielet spiss ma jkunux vinkolanti u inforzabbli. Eżempji ta' dawn il-kodiċijiet huma l-ktejjeb operattiv ta' l-UCTE dwar is-sigurtà u l-affidabbiltà ta'

networks tat-trażmissjoni ta' l-elettriku u r-rakkomandazzjonijiet ta' l-EASEE-gas dwar il-kwalitajiet tal-gass.

– Il-proposta żżomm il-proċess volontarju ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni bħala mezz prammatku għall-iżvilupp ta' kodiċijiet tekniċi u tas-suq. Dawn il-kodiċijiet spiss ikunu teknikament kumplessi, u jeħtieġ li jkun hemm proċess effiċjenti biex jiġu emendati fejn meħtieġ. Il-proposta żżid sorveljanza regolatorja qawwija fuq il-kontenut u l-monitoraġġ tal-konformità, u l-infurzar ta' dawn ir-regoli min-naħa ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Aġenzija, u/jew il-Kummissjoni, skond in-natura tal-proposta kkonċernata. Fil-każ li l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni ma jkunux jistgħu jaqblu fuq kodiċijiet tekniċi u tas-suq neċessarji, jew ma jimplimentawhomx, dawn ir-regoli jkunu jistgħu jiġu proposti u adottati permezz tal-proċedura tal-komitoloġija, fuq proposta tal-Kummissjoni.

– B'kollox, din il-proposta tidentifika ħdax-il qasam ewlieni ta' kooperazzjoni. Il-programmi ta' ħidma annwali tan-Netwerk Ewropew ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni (ara l-kapitolu 1.2), li għandhom jitħejjew b'konsultazzjoni mal-partijiet kollha interessati u ma' l-Aġenzija l-ġdida għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija (ara l-kapitolu 3), sejrin jistabbilixxu l-prijoritajiet u jispeċifikaw f'aktar dettall il-kodiċijiet tekniċi u tas-suq meħtieġa. Il-kooperazzjoni fost l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandha tinkludi wkoll il-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tekniċi u tas-suq.

– *Attivitajiet ta' interess komuni dwar it-riċerka u l-innovazzjoni:* Il-kooperazzjoni bejn it-TSOs għandha tistabbilixxi qafas għall-identifikazzjoni, il-finanzjament u l-ġestjoni ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li jmexxu 'l quddiem l-iżvilupp tekniku tajjeb u l-evoluzzoni ta-netwerks Ewropej ta' l-elettriku u l-gass, partikolarment għall-promozzjoni tas-sigurtà tal-provvista u ta' l-effiċjenza fl-enerġija, u biex issir possibbli l-penetrazzjoni ta' teknoloġiji b'użu baxx tal-karbon.

– *Il-koordinazzjoni ta' l-operat tax-xibka*: Il-kooperazzjoni fost it-TSOs tinkludi l-operat komuni tan-netwerks, skond kodiċijiet tekniċi u tas-suq maqbula. Tirreferi wkoll għall-iskambju ta' tagħrif operattiv dwar in-netwerks u l-pubblikazzjoni kkoordinata dwar l-aċess għan-netwerks, pereżempju permezz ta' pjattaforma komuni ta' trasparenza.

– *L-ippjanar ta' l-investiment*: Sabiex kapaċità suffiċjenti ta' trażmissjoni tkun disponibbli biex tilqa' d-domanda u tintegra swieq nazzjonali, l-operaturi tan-netwerks se jkollhom bżonn pjanifikar koordinat fit-tul ta' l-iżvilupp tas-sistema, biex ikunu jistgħu jippjanaw investimenti fis-suq u jissorveljaw l-iżviluppi tal-kapaċitajiet tan-netwerks ta' trażmissjoni. Il-ħsieb huwa li n-Netwerks Ewropej ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jippubblikaw pjanijiet għall-iżvilupp tan-netwerk, inkluż l-immudellar tan-netwerk integrat, l-iżvilupp tax-xenarju u evalwazzjoni tal-flessibbiltà tas-sistema integrata u l-kapaċità tagħha li twassal. Dan il-pjan ta' żvilupp għandu jkun orjentat lejn il-ġejjieni biżżejjed (eż. talanqas 10 snin 'il quddiem) sabiex jippermetti l-identifikazzjoni bikrija ta' nuqqasijiet ta' investiment, b'mod partikolari fir-rigward ta' kapaċitajiet transkonfinali.

B'mod partikolari għall-aħħar żewġ kompiti msemmija, l-inizjattivi reġjonali għandhom rwol pożittiv fl-integrazzjoni tas-suq. Il-kooperazzjoni fost l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fuq il-livell Ewropew għandha, bla dubju, tiġi kkomplementata fuq il-livell reġjonali, bil-għan

li jiġi żgurat progress prattiku reali, ġestjoni ottima tan-netwerk[7], kif ukoll l-ippjanar ta' investiment xieraq u t-twettiq tiegħu. Il-qafas regolatorju għandu jippromwovi, jikkoordina u jiżviluppa inizjattivi reġjonali bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u l-awtoritajiet regolatorji, kif jiġri fl-Inizjattivi Reġjonali mmexxija mill-ERGEG u inizjattivi bħall-Forum Pentalaterali fil-Majjistral ta' l-Ewropa, u kif jirrakkomandaw partijiet interessati kbar bħall-*Eurelectric.*

## 4.2. Mekkaniżmu ta' kooperazzjoni mtejjeb

Huwa importanti li l-istrutturi ta' kooperazzjoni ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jkunu rikonoxxuti għal kollox fil-livell Ewropew, bħala korpi i jkollhom l-awtorità jwettqu l-kompiti msemmija hawn fuq. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni sejra taħtar formalment in-Netwerks Ewropej ta' operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni (ta' l-elettriku u l-gass) li jkunu responsabbli għal dawn il-kompiti.

Bħala kumpaniji, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jeħtiġilhom ikunu trasparenti fil-mod li bih jikkooperaw. Jistgħu jibnu fuq strutturi eżistenti bħall-GTE u l-ETSO. Madankollu, il-kompiti u r-responsabbiltajiet rikjesti mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni sejrin ifissru li jkun hemm ħtieġa għal struttura ċentrali u permanenti ta' kooperazzjoni sew f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni kid ukoll għdod prattiċi għall-ippjanar u l-operat tan-netwerks.

L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija sejra tissorvelja t-twettiq tal-ħidmiet fdati f'idejn in-Netwerk Ewropew ta' operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni.

L-involviment u l-konsultazzjoni bikrija tal-partijiet interessati, bħalma huma l-produtturi, il-fornituri, il-klijenti u l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni sejrin jiżviluppawhom bħala prattika standard sa mill-bidu ta' ħidmithom fuq suġġett partikolari. Għaldaqstant, il-partijiet interessati sejrin jiġu kkonsultati fuq kwalunkwe abbozz ta' kodiċi tas-suq u tekniku mfassal mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, u se jkunu jistgħu jikkummentaw dwar il-programm ta' ħidma annwali ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. L-Aġenzija sejra tissorvelja t-twettiq tajjeb tal-konsultazzjoni.

# 5. IT-TITJIB TAL-FUNZJONAMENT TAS-SUQ

Il-proposta preżenti għandha wkoll l-għan li ttejjeb il-qafas leġiżlattiv sabiex jiffaċilita l-aċċess ta' partijiet terzi għal infrastrutturi ewlenin, biex iżżid it-trasparenza fis-suq, biex isseddaq l-integrazzjoni tas-suq u ttejjeb l-aċċess għall-klijenti bl-imnut.

## 5.1. Reġim ta' eżenzjoni

Il-leġiżlazzjoni attwali tippermetti li infrastruttura ġdida ewlenija tiġi eżentata minn regoli dwar l-aċċess regolat għal partijiet terzi għal perjodu ddeterminat minn qabel. Bosta infrastrutturi tlestew jew inkella għadhom qed jitlestew, inklużi interkonnetturi tal-gass u l-elettriku u faċilitajiet ta' l-LNG li utlizzaw din il-possibbiltà. Dan għen biex jinġiebu 'l quddiem proġetti li jibbenefikaw is-sigurtà tal-provvista u l-kompetizzjoni. Fl-istess waqt, l-esperjenza sa llum uriet li l-iżviluppaturi tal-proġetti, ir-regolaturi u l-Kummissjoni lkoll jistgħu jibbenefikaw minn proċedura mħaffa għall-applikazzjonijet u l-għoti ta' eżenzjonijiet,

[7] Pereżempju, fil-qasam ta' l-elettriku, għal ċerti kwistjonijiet huwa ċar li l-istabbiliment ta' kodiċijiet tekniċi għandu jiġi deċiż għal kull qasam sinkroniku.

kif ukoll minn kjarifikar ta' wħud mill-kundizzjonijiet. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li jitfasslu linji gwida biex lill-applikanti u r-regolaturi jgħinuhom japplikaw il-kundizzjonijiet għal eżenzjoni. Biex jiġi żgurat li l-infrastruttura eżenti, madankollu, tkun tista' tintuża bl-aħjar mod mis-suq, huwa propost li jiġu ġġeneralizzati r-rekwiżiti minimi għall-allokazzjoni tal-kapaċità u d-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tal-konġestjoni għal infrastrutturi ġodda, li sallum ġew applikati fuq bażi ta' każ b'każ.

## 5.2. It-trasparenza

Is-suq intern ta' l-elettriku u l-gass qed ibati minn nuqqas ta' likwidità u trasparneza, li qiegħed itellef l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi, jillimita l-possibbiltajiet għal miżuri tat-taffija tar-riskji u jibblokka d-dħul il-ġdid fis-suq. Il-fiduċja fis-suq, il-likwidità tiegħu u l-għadd ta' parteċipanti fih ilkoll jeħtiġilhom jiżdiedu, billi jitkabbar it-tagħrif disponibbli għas-suq.

Ir-rekwiżiti attwali dwar it-trasparenza jiffukaw fuq il-pubblikazzjoni tal-kapaċità tan-netwerk, biex il-parteċipanti fis-suq ikunu jistgħu jaraw jekk hemmx kapaċità disponibbli, u jekk il-kapaċità disponibbli kollha hijiex offerta lis-suq. Madankollu, il-parteċipanti fis-suq jeħtieġ ikollhom aċċess indaqs għall-informazzjoni li tiddetermina ċaqliq fil-prezzijiet bl-ingrossa.

Bħalissa, l-operaturi li huma responsabbli għall-biċċa l-kbira tal-flussi tal-gass u ta' l-elettriku, u li għandhom is-sjieda tal-maġġoranza ta' l-assi fis-suq, għandhom aċċess għall-informazzjoni aktar u aħjar minn operaturi ġodda. Fil-qasam ta' l-elettriku, jeżistu rekwiżiti fil-forma ta' linji gwida annessi mar-regolamentazzjoni, li jiddefinixxu r-rekwiżiti ta' trasparenza fil-ġenerazzjoni ta' l-elettriku, biss mhumiex biżżejjed, u fil-qasam tal-gass għalissa ma hemm l-ebda rekwiżit ta' din ix-xorti. Huwa għalhekk propost li jiġu estiżi r-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li jirrigwarda l-ħażniet tal-gass, it-tbassir tad-domanda u l-provvista, l-ispejjeż ta' l-ibbilanċjar tan-netwerk, u l-kummerċ.

L-applikazzjoni korretta u sħiħa ta' dawn ir-rekwiżiti jeħtiġilha tiġi kkontrollata u ssorveljata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u s-setgħat tagħhom għandhom jissaħħu skond dan.

Dwar il-kwistjoni tat-trasparenzarigward id-derivattivi u l-istrumenti finanzjarji, u li dwarhom dawn il-proposti ma jipprovdux rekwiżiti addizzjonali fir-rigward tal-kumpaniji kkonċernati, il-Kummissjoni sejra teżamina din il-kwistjoni fid-dettall u tilħaq konklużjoni lejn nofs l-2008. L-Aġenzija għall-kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija u l-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli Finanzjarji huma mistiedna jikkooperaw biex jinvestigaw aktar u jagħtu l-pariri dwar il-kwistjoni jekk it-tranżazzjonijiet fil-kuntratti ta' forniment tal-gass u l-elettriku, u d-derivatttivi ta' l-elettriku, għandhomx ikunu suġġetti għal rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel u/jew wara t-tranżazzjoni.

## 5.3. Aċċess għall-ħażna

Id-Direttiva eżistenti dwar is-suq intern tal-gass tipprovdi li, meta l-ħżin ikun faċilità essenzjali biex il-klijenti jkunu jistgħu jingħataw provvista, l-operaturi tal-ħżin għandhom jagħtu aċċess lil partijiet terzi. L-Istati Membri għandhom l-għażla li dan l-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħżin jiżgurawh jew permezz ta' kundizzjonijiet definiti mir-regolatur jew billi jobligaw lill-operaturi tas-sistemi tal-ħżin jinnegozjaw il-kundizzjonijiet ta' l-aċċess mal-klijenti. Ir-rekwiżiti tad-Direttiva jillimitaw irwieħhom għall-prinċipji, u lill-Istati Membri jħallulhom ħafna libertà biex jiddefinixxu l-qafas regolatorju tagħhom. Dawn il-prinċipji tlaħħmu permezz tal-Forum ta' Madrid, fejn il-partijiet kollha involuti qablu li jkun hemm

'Linji gwida' volontarji għall-Prassi Tajba ta' Aċċess ta' Partijiet Terzi għal Operaturi tas-Sistema tal-Ħażna' (GGPSSO). Madankollu, l-EGREG ikkonkluda li l-implimentazzjoni globali ta' dawn il-linji gwida hija batuta.

Biex dawn ikunu applikati b'mod effettiv, il-Kummissjoni tipproponi erba' miżuri:

– Li l-prinċipji tal-linji gwida tagħmilhom vinkolanti u tħalli għall-implimentazzjoni dettaljata tal-linji gwida permezz tal-komitoloġija;

– Li tistabbilixxi s-separazzjoni legali u funzjonali ta' l-operaturi tas-sistema ta' ħżin li jagħmlu parti mill-impriżi ta' forniment;

– Li ssaħħaħ is-setgħat ta' l-awtoritajiet regolatorji biex jissorveljaw l-aċċess għall-ħżin;

– Li tesiġi ċ-ċarezza fis-sistema regolatorja li tiġi applikata għall-faċilitajiet ta' ħżin.

Biex il-linji gwida jsiru vinkolanti, ir-Regolament se jkun estiż sabiex jiddefinixxi kif l-operaturi tas-sistema ta' ħżin jeħtiġilhom joffru servizzi ta' aċċess għal partijiet terzi, u kif għandhom jallokaw il-kapaċità jmexxu l-konġestjoni. Ir-Regolament se jiddefinixxi wkoll ir-rekwiżiti ta' trasparenza, u kif għandu jitħalla jiżviluppa suq sekondarju tal-kapaċità ta' ħżin. Dawn ir-regoli għandhom jiżguraw li l-ħżin kollu disponibbli għal partijiet terzi jkun offrut lis-suq b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju, kif ukoll li l-akkapparrar ta' kapaċità jiġi skoraġġut bil-qawwi. Dawn ir-regoli jservu wkoll biex jiżguraw il-konsistenza mar-rekwiżiti minimi proposti fuq l-infrastruttura eżenta.

Bir-rekwiżit tas-separazzjoni legali u funzjonali ta' l-operaturi tas-sistema ta' ħżin, l-aċċess effettiv għall-ħażna se jittejjeb ħafna. Attwalment, meta l-fornituri jkunu jkollhom bżonn il-ħżin, jeħtiġilhom jikkuntattjaw lill-kompetituri tagħhom biex jidħlu f'kuntratti dwar il-ħtieġa tagħhom ta' ħżin. Dan il-fatt ma jtejjibx il-kunfidenza fis-suq u huwa ostaklu serju għal min irid jidħol ġdid fis-suq. Ir-rekwiżit ta' separazzjoni ta' l-operaturi tas-sistemi ta' ħżin din il-qagħda sejjer itejjibha, u se jħalli l-kompetituri u r-regolaturi jiċċekkjaw li l-kapaċità kollha disponibbli ta' ħżin tkun offruta lis-suq.

Il-Kummissjoni tipproponi litħassar l-ambigità li teżisti dwar il-proporzjon tal-kapaċità ta' ħżin offruta lis-suq, billi tesiġi li l-Istati Membri kollha jeħtiġilhom jiddefinixxu kriterji dwar meta u kif japplika l-aċċess ta' partijiet terzi għall-ħżin, u dawn iridu jiġu ppublikati. Ir-regolatur konsegwentement għandu r-responsabbiltà li jara li dawn il-kriterji jkunu applikati sewwa fil-faċilitajiet kollha tal-ħżin.

### 5.4. Aċċess għat-terminali ta' l-LNG

Ir-rwol ta' l-LNG (gass naturali likwidu) fil-provvista tal-gass għall-Unjoni Ewropea kulma jmur qed isir aktar importanti, u bħalissa għaddejjin jew jinsabu ppjanifikati ħafna investimenti fit-terminali ta' l-LNG. Għaldaqstant, jinħtieġu regoli ta' aċċess trasparenti għat-terminali ta' l-LNG. Ir-regolaturi identifikaw il-ħtieġa, u l-ERGEG ipprepara l-linji ta' gwida bil-għan li jinħoloq approċċ komuni għall-aċċess ta' partijiet terzi għat-terminali ta' l-LNG.

Minkejja li ħafna terminali ta' l-LNG li nbnew utilizzaw il-possibbiltajiet li jkunu eżenti mill-aċċess ta' partijiet terzi u mill-interventi regolatroji skond l-Artikolu 22 tad-Direttiva, hemm ukoll terminali ta' l-LNG li għalihom japplikaw regoli għall-aċċess ta' partijiet terzi. Minħabba li d-Direttiva attwali timponi biss rekwiżit ġenerali dwar il-ħtieġa li l-aċċess ikun regolat, dan iħalli spazju għal interpretazzjonijiet diverġenti fost l-Istati Membri. Barra minn

hekk, eżenzjoni skond l-Artikolu 22 tkun dejjem temporanja, u meta jkun skada l-perjodu ta' eżenzjoni, it-terminali ta' l-LNG jsiru rregolati. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li timponi regoli definiti aktar ċar dwar l-aċċess ta' partijiet terzi għat-terminali ta' l-LNG. Biex il-linji gwida jsiru vinkolanti, ir-Regolament se jkun estiż sabiex jiddefinixxi kif l-operaturi tas-sistema ta' ħżin jeħtiġilhom joffru servizzi ta' aċċess għal partijiet terzi, u kif għandhom jallokaw il-kapaċità jmexxu l-konġestjoni. Ir-Regolament se jiddefinixxi wkoll ir-rekwiżiti ta' trasparenza u jipproponi miżuri biex jitħalla jiżviluppa suq sekondarju tal-kapaċità ta' ħżin. Dawn ir-regoli jservu wkoll biex jiżguraw il-konsistenza mar-rekwiżiti minimi proposti fuq l-infrastruttura eżenti.

### 5.5. Ftehimiet ta' forniment fit-tul

Ftehimiet bilaterali ta' forniment 'l isfel fil-katina tal-provvista (downstream) joffru opportunità biex l-industriji li jiddependu ħafna mill-enerġija jiksbu prezzijiet aktar previdibbli. Madankollu, ftehimiet bħal dawn jippreżentaw ir-riskju li jillimitaw is-suq 'l isfel fil-katina tal-provvista, billi lill-konsumaturi ma jħalluhomx jaqilbu, u b'hekk jillimitaw il-kompetizzjoni. Biex l-inċertezza fis-suq titnaqqas, il-Kummissjoni fix-xhur li ġejjin sejra tipprovdi gwida, f'sura f'lokha, dwar il-konformità tal-ftehimiet bilaterali fit-tul ta' forniment 'l isfel fil-katina tal-provvista mal-leġiżlazzjoni tal-KE dwar il-kompetizzjoni.

### 5.6. Qafas għall-istabbiliment progressiv ta' suq Ewropew bl-imnut

S'issa la s-suq ta' l-elettriku u lanqas dak tal-gass ma tista' ssejħilhom swieq Ewropej bl-imnut (djar privati u intrapriżi żgħar), għax il-klijenti, anki f'dawk il-każijiet fejn għandhom għażla, għadhom obbligati jagħżlu fornitur stabbilit fl-istess pajjiż. L-istabbiliment ta' suq tassew Ewropew tal-konsumaturi aħħarin huwa l-mira finali tas-swieq interni ta' l-elettriku u l-gass: huwa meħtieġ biex jinħolqu swieq kompetittivi u biex jintlaħaq il-massimu ta' l-effiċjenza. Il-liberalizzazzjoni fis-suq bl-imnut hija importanti biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' l-UE jkunu jistgħu jgawdu mill-kompetizzjoni. Li kieku l-liberalizzazzjoni kellha tapplika biss għall-klijenti l-kbar, id-djar Ewropej jispiċċaw billi jissussidjaw l-industriji tagħhom, u s-sinjali ta' l-investiment għall-ġenerazzjoni u l-forniment il-ġodda jispiċċaw mgħawġa. Mill-1 ta' Lulju 2007 'l quddiem, is-swieq bl-imnut kollha ta' l-UE nfetħu għall-kompetizzjoni, iżda fil-prattika, ħafna konsumaturi huma marbutin mal-fornituri tagħhom ta' dejjem, għax għadu ma ġiex implimentat qafas legali xieraq kif kien meħtieġ. Suq bl-imnut Ewropew jista' jinħoloq biss b'mod progressiv. Biex tħeġġeġ dan il-proċess, il-Kummissjoni qiegħda tikkunsidra t-twaqqif ta' forum tal-kummerċ bl-imnut, b'analoġija ma' l-esperjenza pożittiva tal-Fora ta' Firenze u Madrid. Dan il-forum iħallina niffukaw fuq kwistjonijiet speċifiċi tal-kummerċ bl-imnut, u għandu jaqdi ta' pjattaforma għall-persuni interessati kollha biex jippromwovu l-istabbiliment ta' suq bl-imnut mifrux ma' l-UE kollha kemm hi. Il-forum jipprovdi gwida dwar l-obbligi proposti għall-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji biex jistabbilixxu regoli ċari li jiddefinixxu l-kompetizzjoni fis-suq bl-imnut, bil-għan li progressivament jarmonizzaw ir-regoli tas-suq sabiex jippermettu swieq bl-imnut transkonfinali.

Swieq bl-imnut li jaħdmu sewwa se jkollhom rwol importanti ħafna f'li jżidu l-kuxjenza tan-nies dwar il-konsum domestiku ta' l-enerġija u dwar l-ispejjeż ta' l-enerġija, għax il-miżuri kollha biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju u biex tiżdied l-effiċjenza ta' l-enerġija jeħtieġu kontribut mingħand id-djar privati. Il-kompetizzjoni fuq il-provvista lid-djar privati għandha ttejjeb il-kuxjenza tagħhom dwar l-enerġija. Madankollu, prattiċi attwali li skondhom il-konsumaturi jirċievu l-kont finali tal-konsum tagħhom biss wara sena din il-kuxjenza ma joħolquhiex, u lanqas ma jippermettu li l-fornituri jiżviluppaw servizzi kompetittivi li jiddistingwu bejn id-djar skond il-bżonnijiet speċifiċi tagħhom. Il-fornituri

għaldaqstant jeħtiġilhom jagħtu aktar informazzjoni biex jiżguraw li l-klijenti jingħataw informazzjoni aktar frekwenti dwar il-konsum u l-ispiża ta' l-enerġija tagħhom.

Huwa ovvju li l-libertà ta' l-għażla għall-konsumaturi jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn garanziji qawwija dwar id-drittijiet tal-klijenti. Bid-Direttiva attwali, il-klijenti vulnerabbli diġà għandhom grad għoli ta' ħarsien, biex jiġi żgurat li jkollhom aċċess għall-enerġija li jeħtieġu biex jgħixu ħajja normali. Dawn il-miżuri, madankollu, f'xi pajjiżi ma ġewx applikati sewwa, u l-Kummissjoni, biex tiċċara l-qafas, qed tipproponi li tiddefinixxi linji gwida vinkolanti. Fl-istess waqt, il-Kummissjoni tipproponi li sseddaq id-drittijiet tal-klijenti kollha, fost l-oħrajn billi tagħtihom id-dritt li jibdlu l-fornitur fi kwalunkwe waqt, u billi tobbliga lill-kumpaniji ta' l-enerġija li l-kontijiet ikunu magħluqa fi żmien xahar minn meta konsumatur jaqleb minn fornitur għall-ieħor.

Fl-aħħarnett il-Kummisjsoni waslet għall-konklużjoni li għad-DSOs huma biżżejjed ir-regoli attwali dwar is-separazzjoni legali u funzjonali. Għaldaqstant ma tipproponix li testendi għad-DSOs ir-regoli dwar is-separazzjoni tas-sjieda deskritti fil-kapitlu 4 aktar 'il fuq.

## 6. IL-KOOPERAZZJI GĦAT-TISĦIĦ TAS-SIGURTÀ TAL-PROVVISTA

### 6.1. Il-monitoraġġ tas-sigurtà tal-provvista min-naħa ta' l-operaturi tas-sistemi ta’ trażmissjoni

Huwa importanti li jiġi żgurat li s-sistemi tal-gass u l-elettriku jkunu jistgħu jlaħħqu mad-domanda, anki fi żminijiet meta din tkun fl-eqqel tagħha. Fil-każ ta' l-elettriku, dan huwa possibbli biss meta jkun hemm biżżejjed kapaċità ta' ġenerazzjoni (l-adegwatezza tal-ġenerazzjoni) u n-netwerk ikun jista' jittrasporta l-enerġija mingħand il-ġeneraturi għal għand il-konsumaturi aħħarija (l-adegwatezza tan-netwerk). Fil-każ tal-gass, jeħtieġ li jkun hemm biżżejjed kapaċità sew ta' importazzjoni kif ukoll ta' ħżin.

Id-Direttiva 2005/89/KE tesiġi li r-regolaturi nazzjonali, bil-għajnuna ta' l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, jirrappurtaw lill-Kummissjoni kull sena dwar is-sigurtà tal-provvista ta' l-elettriku. Id-Direttiva 2004/67/KE tesiġi li l-Istati Membri jirrappurtaw dwar il-qagħda tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u dwar il-qafas regolatorju biex itejbu l-investiment fl-infrastruttura. L-emendi proposti għar-Regolamenti (KE) Nru 1228/2003 u (KE) Nru 1775/2005 lin-Netwerk ta' l-Operaturi Ewropej tas-Sistemi ta' Trażmissjoni jagħtuh il-kompitu li jagħmel previżjonijiet dwar l-adegwatezza tas-sistema kull Sajf, kull Xitwa u wkoll fit-tul. Perspettiva Ewropea hija meħtieġa biex jitqiesu l-possibbiltajiet għall-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' l-elettriku u l-gass f'kundizzjonijiet ta' l-ogħla talba. Minħabba flussi transkonfinali ta' l-elettriku u l-gass fis-suq intern, l-istampa jeħtiġilha titfassal fuq il-livell Ewropew.

### 6.2. Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri

Il-leġiżlazzjoni ta' l-UE għandha żewġ strumenti li jittrattaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass. L-ewwelnett, id-Direttiva 2003/55/KE daħħlet obbligi ġenerali ta' monitoraġġ għall-Istati Membri. It-tieni, id-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE tikkonċerna speċifikament miżuri biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali. Din l-aħħar Direttiva stabbiliet il-Grupp ta' Koordinament għal-Gass, u tiddefinixxi "mekkaniżmu Komunitarju" fil-każ ta' interruzzjoni tal-forniment.

Dawn l-istrumenti jipprovdu għal pjattaforma ta' koordinazzjoni. La jistipulaw għanijiet kwantitattivi fejn tidħol is-sigurtà tal-provvista, u lanqas ma jimponu xi obbligu rigward il-ħażniet tal-gass. Fl-aħħarnett, ma jipprovdux qafas għall-kooperazzjoni reġjonali fil-każ li jseħħu interruzzjonijiet gravi tal-provvista.

Kien biss dan l-aħħar li d-Direttiva 2004/67/KE ġiet trasposta mill-Istati Membri. L-Artikolu 10 tagħha jistipula li l-Kummissjoni għandha tirrapporta sad-19 ta' Mejju 2008 dwar l-implimentazzjoni tagħha, u b'mod partikolari dwar l-effikaċja ta' l-istrumenti tagħha, u li l-Kummissjoni tista' toħroġ aktar proposti rigward is-sigurtà tal-provvista. B'mod partikolari, dan ir-rapport se jindirizza miżuri rigward is-sigurtà tal-provvista b'rabta mal-ħażniet tal-gass.

Għaldaqstant, bħala l-ewwel pass, dawn il-proposti ma jemendawx id-Direttiva 2004/67/KE, u jittrattaw biss żewġ kwistjonijiet:

– *Aktar obbligi ta' trasparenza fil-livell tal-ħażniet kummerċjali*. Kull operatur ta' ħżin ikollu l-obbligu li jippubblika kuljum l-ammont ta' gass disponibbli li għandu fil-faċilitajiet tiegħu. B'dan l-obbligu titqawwa bil-wisq il-kunfidenza reċiproka għall-assistenza reġjonali u bilaterali fil-każ ta' interruzzjonijiet gravi tal-provvista.

– *Is-Solidarjetà:* Huwa propost li l-Istati Membri jikkooperaw biex iġibu 'l quddiem is-solidarjetà reġjonali u bilaterali. Din il-kooperazzjoni hija maħsuba biex tkopri sitwazzjonijiet li x'aktarx li jwasslu għal interruzzjonijiet gravi tal-provvista tal-gass li jaffettwaw Stat Membru. Eżempji ta' dan il-koordinament huma t-tħaffif tal-miżuri nazzjonali għat-trattament ta' l-emerġenzi u l-elaborazzjoni ta' modalitajiet prattiċi għall-għajnuna reċiproka. Il-Kummissjoni sejra tadotta linji ta' gwida għall-kooperazzjoni fis-solidarjetà reġjnali, jekk ikunu meħtieġa.

2007/0196 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2003/55/KE rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali**

**(Test b'relevanza għall–EEA)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikoli 47(2), 55 u 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[8],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[9],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[10],

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat[11],

Billi:

(1) Is-suq intern tal-gass naturali, li ilu jiġi implimentat progressivament madwar il-Komunità mill-1999, għandu l-mira li jipprovdi għażla reali lill-konsumaturi kollha ta' l-UE, kemm jekk huma ċittadini u kemm negozji, kif ukoll opportunitajiet ġodda ta' negozju u ta' aktar kummerċ transkonfinali, sabiex jinkisbu gwadanji fl-effiċjenza, prezzijiet kompetittivi, standards ogħla ta' servizz, kif ukoll sabiex jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista u għas-sostenibbiltà.

(2) Id-Direttiva Nru 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE[12] għamlet kontribut sinifikanti lejn il-ħolqien ta' suq intern tal-gass.

8 ĠU C […], […], p. […].
9 ĠU C […], […], p. […].
10 ĠU C […], […], p. […].
11 ĠU C […], […], p. […].
12 ĠU L 176, tal-15.7.2003, p. 57.

(3) Madankollu, bħalissa, ma jista' jiġi ggarantit lill-ebda kumpanija fil-Komunità d-dritt li tbigħ il-gass fi kwalunkwe Stat Membru b'termini ugwali, mingħajr diskriminazzjoni jew żvantaġġ. B'mod partikolari, għad ma jeżistux aċċess mhux diskriminatorju għan-netwerk, u livell ugwalment effettiv ta' superviżjoni regolatorja f'kull Stat Membru, peress li l-qafas ġuridiku attwali għadu mhux suffiċjenti.

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Jannar 2007 intitolata "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa"[13] enfasizzat l-importanza li jitlesta s-suq intern tal-gass naturali, kif ukoll li jinħoloq ambjent ekwu għall-kumpaniji kollha tal-gass stabbiliti fil-Komunità. Il-Komunikazzjoni dwar is-Suq Intern ta' l-Enerġija[14] u r-Rapport finali ta' l-Inkjesta Settorjali tal-Kompetizzjoni[15] wrew li r-regoli u l-miżuri preżenti ma jipprovdux il-qafas meħtieġ biex jinkiseb l-għan ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb.

(5) Mingħajr separazzjoni effettiva tan-netwerks minn attivitajiet ta' produzzjoni u forniment, hemm ir-riskju inerenti ta' diskriminazzjoni mhux biss fl-operat tan-netwerk iżda wkoll fl-inċentivi għal kumpaniji integrati vertikalment biex jinvestu b'mod adegwat fin-netwerks tagħhom.

(6) Ir-regoli dwar is-separazzjoni (unbundling) legali u funzjonali li bħalissa huma fis-seħħ ma wasslux għas-separazzjoni effettiva ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Fil-laqgħa tiegħu fi Brussell, fit-8 u d-9 ta' Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa proposti leġiżlattivi għas-separazzjoni effettiva ta' l-attivitajiet ta' forniment u produzzjoni mill-operazzjonijiet tan-netwerk.

(7) Huwa biss bit-tneħħija ta' l-inċentiv inerenti tal-kumpaniji integrati vertikalment li jiddiskriminaw kontra kompetituri fir-rigward ta' l-aċċess għan-netwerk u l-investiment li tista' tiġi żgurata separazzjoni effettiva. Il-proċess tas-separazzjoni tas-sjieda, jiġifieri li l-proprjetarju tan-netwerk jinħatar bħala l-operatur tan-netwerk u li jkun indipendenti minn kwalunkwe interess ta' forniment u produzzjoni, huwa biċ-ċar l-aktar mod effettiv u stabbli biex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt ta' interess inerenti u biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista. Għal din ir-raġuni, il-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar Prospetti għas-suq intern tal-gass u ta' l-elettriku li ġie adottat fl-10 ta' Lulju 2007 rrefera għas-separazzjoni tas-sjieda fil-*livell tat-trażmizzjoni* bħala "l-aktar għodda effettiva sabiex jiġu *promossi* l-investiment fl-infrastrutturi b'mod *mhux diskriminatorju*, l-aċċess ġust għan-netwerk għall-*kompetituri ġodda* u t-trasparenza fis-suq. L-Istati Membri għalhekk għandhom ikunu obbligati jiżguraw li l-istess persuna jew persuni ma jkollhomx id-dritt li jeżerċitaw il-kontroll, inkluż permezz ta' drittijiet ta' mblokk tal-minoranzi fuq deċiżjonijiet ta' importanza strateġika bħal investimenti, fuq impriża ta' produzzjoni jew forniment, u li fl-istess ħin ikollhom kwalunkwe interess jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew f'sistema ta' trażmissjoni. Min-naħa l-oħra, il-kontroll fuq operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jeskludi l-possibbiltà li l-istess

---

13 KUMM(2007) 1.

14 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-prospetti għas-suq intern tal-gass u ta' l-elettriku, KUMM(2006) 841.

15 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Sector Enquiry under Art. 17 of Regulation 1/2003 on the gas and electricity markets (final report)" [Inkjesta Settarjali skond l-Artikolu 17 tar-Regolament 1/2003 dwar is-swieq tal-gass u l-elettriku (rapport finali)], SEG(2006) 1724.

persuna jew persuni jkollhom kwalunkwe interess jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt f'impriża ta' forniment.

(8) *Peress* li s-separazzjoni tas-sjieda tesiġi, f'ċerti każijiet, ir-ristrutturar ta' l-impriżi, l-Istati Membri *għandhom* jingħataw aktar żmien biex *japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti*. Fid-dawl tar-rabtiet vertikali bejn is-setturi ta' l-elettriku u tal-gass, id-dispożizzjonijiet tas-separazzjoni *għandhom* japplikaw, barra min hekk, fiż-żewġ setturi kollha.

(9) Biex tiġi żgurata indipendenza sħiħa ta' l-operat tan-netwerk mill-interessi tal-forniment u tal-produzzjoni u għall-prevenzjoni ta' l-iskambju ta' kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali, l-istess persuna ma għandhiex tkun membru tal-bordijiet ta' ġestjoni kemm ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni kif ukoll impriża li għandha kwalunkwe funzjoni oħra ta' produzzjoni jew forniment. Għall-istess raġuni, l-istess persuna ma għandhiex tkun intitolata taħtar membri tal-bordijiet ta' ġestjoni ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni u li jkollha kwalunkwe interess f'impriża tal-forniment.

(10) L-istabbiliment ta' operaturi tas-sistema li jkunu indipendenti mill-interessi ta' forniment u ta' produzzjoni għandu jippermetti lill-kumpaniji integrati vertikalment iżommu l-proprjetà tagħhom ta' assi tan-netwerk, filwaqt li jiżgura separazzjoni effettiva ta' l-interessi, dejjem sakemm l-operatur indipendenti tas-sistema jwettaq il-funzjonijiet kollha ta' operatur tan-netwerk u sakemm jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' regolazzjoni u mekkaniżmi estensivi ta' kontroll regolatorju.

(11) Meta l-impriża li tkun proprjetarja ta' sistema tat-trażmissjoni tkun parti minn impriża integrata vertikalment, l-Istati Membri għandhom għalhekk jingħataw l-għażla bejn is-separazzjoni tas-sjieda u, bħala deroga, it-twaqqif ta' operaturi tas-sistema indipendenti li jkunu indipendenti mill-interessi ta' forniment u ta' produzzjoni. L-effettività sħiħa tas-soluzzjoni ta' l-operaturi indipendenti tas-sistema tkun teħtieġ li tiġi aċċertata permezz ta' regoli speċifiċi addizzjonali Sabiex l-interessi ta' l-azzjonisti ta' kumpaniji integrati vertikalment jitħarsu bis-sħiħ, l-Istati Membri għandu jkollhom ukoll l-għażla li jimplimentaw separazzjoni tas-sjieda jew permezz ta' żvestiment dirett jew inkella billi jitqassmu l-ishma tal-kumpanija integrata fl-ishma tal-kumpanija tan-netwerk u fl-ishma tan-negozju li jkun jibqa' ta' forniment u ta' produzzjoni, sakemm ir-rekwiżiti li jirriżultaw mis-separazzjoni tas-sjieda jiġu rispettati.

(12) L-implimentazzjoni ta' separazzjoni effettiva għandha tirrispetta l-prinċipju li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat. Għal dan il-għan, l-istess persuna ma għandhiex tkun tista' teżerċita influwenza, weħidha jew b'mod konġunt, fuq il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjoni ta' l-organi kemm ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni kif ukoll ta' l-impriżi tal-forniment. Bil-kundizzjoni li l-Istat Membri kkonċernat jista' juri li dan ir-rekwiżit jiġi rispettat, żewġ korpi pubbliċi distinti jistgħu minn naħa jikkontrollaw l-attivitajiet ta' ġenerazzjoni u forniment u min-naħa l-oħra attivitajiet ta' trażmissjoni.

(13) Għandha tiġi applikata separazzjoni sħiħa bejn l-attivitajiet ta' netwerk u ta' forniment madwar l-Unjoni Ewropea, sabiex kwalunkwe operatur ta' netwerk jew kumpanija affiljata fl-UE ma jitħallewx ikollhom attivitajiet ta' forniment jew ta' produzzjoni fi kwalunkwe Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea. Dan għandu japplika b'mod ugwali għall-kumpaniji kemm ta' l-UE kif ukoll ta' barra mill-UE. Biex jiġi żgurat li l-attivitajiet tan-netwerk jinżammu separati madwar il-Komunità, l-awtoritajiet regolatorji għandu jkollhom is-setgħa li jirrifjutaw iċ-ċertifikazzjoni lil operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni li ma jikkonformawx mar-regoli ta' separazzjoni. Biex jiġu assigurati l-applikazzjoni konsistenti madwar il-Komunità u r-rispett ta' l-obbligi internazzjonali tal-Komunità, il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt li tirrevedi d-deċiżjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni min-naħa ta' l-awtoritjiaet regolatorji.

(14) Il-ħarsien tal-provvista ta' l-enerġija hija element essenzjali tas-sigurtà pubblika u għalhekk huwa konness b'mod inerenti mal-funzjonament effiċjenti tas-suq tal-gass ta' l-UE. L-użu tan-netwerk huwa essenzjali biex il-gass jasal għand iċ-ċittadini ta' l-UE. Swieq tal-gass li jaħdmu, u b'mod partikolari n-netwerks u l-assi l-oħra assoċjati mal-provvista tal-gass, huma essenzjali għas-sigurtà pubblika, għall-kompetittività ta' l-ekonomija u għall-benessri taċ-ċittadini tal-Komunità. Bla ħsara għall-obbligi internazzjonali tal-Komunità, il-Komunità tqis li s-settur tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-gass huwa ta' importanza għolja għall-Komunità u għalhekk huma meħtieġa miżuri ta' ħarsien addizzjonali fir-rigwar dta' l-influwenza ta' pajjiżi terzi, sabiex jiġi evitat kwalunkwe theddid lill-ordni pubblika tal-Komunità u s-sigurtà pubblika u l-benessri taċ-ċittadini tal-Komunità. Miżuri bħal dawn huma wkoll meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli dwar is-separazzjoni effettiva.

(15) Huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-indipendenza ta' operaturi tas-sistemi tal-ħżin sabiex jittejjeb l-aċċess ta' partijiet terzi għall-faċilitajiet tal-ħżin li huma teknikament u/jew ekonomikament meħtieġa għall-provvista ta' aċċess effiċjenti għas-sistema tal-forniment għall-klijenti. Għaldaqstant, jixraq li l-faċilitajiet tal-ħżin jitħaddmu permezz ta' entitajiet legalment separati li jkollhom drittijiet effettivi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward ta' assi meħtieġa għaż-żamma, l-operat kif ukoll l-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-ħżin. Jeħtieġ ukoll li tiżdied it-trasparenza fir-rigward tal-kapaċità ta' ħżin li tiġi offruta lil partijiet terzi, billi l-Istati Membri jiġu obbligati li jiddefinixxu qafas pubbliku ċar u mhux diskriminatorju, li jiddetermina r-reġim regolatorju xieraq applikabbli għal faċilità ta' ħżin.

(16) L-aċċess mhux diskriminatorju għan-netwerk tad-distribuzzjoni jiddetermina aċċess minn fuq għal isfel għall-klijenti fuq il-livell tal-bejgħ bl-imnut. L-ambitu għad-diskriminazzjoni fir-rigward ta' l-aċċess minn partijiet terzi u l-investiment madankollu huwa inqas sinifikanti fuq il-livell ta' distribuzzjoni milli fil-livell ta' trażmissjoni, għaliex fil-livell ta' distribuzzjoni il-konġestjoni u l-influwenza ta' l-interessi tal-produzzjoni ġeneralment huma inqas importanti milli fil-livell tat-trażmissjoni. Barra minn hekk, is-separazzjoni funzjonali ta' l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, skond id-Direttiva 2003/55/KE, saru obbligatorj biss mill-1 ta' Lulju 2007, u l-effetti tagħha fuq is-suq intern għad iridu jiġu evalwati. Ir-regoli dwar is-separazzjoni legali u funzjonali li bħalissa huma fis-seħħ għalhekk jistgħu jwasslu għal separazzjoni effettiva sakemm dawn jiġu definiti b'mod aktar ċar, implimentati sewwa u sorveljati mill-qrib. Sabiex jinħoloq ambjent ekwu fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, l-attivitajiet ta' l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom jiġu sorveljati sabiex jinżammu milli japprofittaw ruħhom mill-integrazzjoni vertikali tagħhom fir-rigward

tal-pożizzjoni kompettitiva tagħhom fis-suq, b'mod partikolari fir-relazzjoni tagħhom mal-klijenti żgħar domestiċi kif ukoll mhux domestiċi.

(17) Id-Direttiva 2003/55/KE introduċiet rekwiżit biex l-Istati Membri jistabbilixxu regolaturi b'kompetenzi speċifiċi. Madankollu, l-esperjenza turi li l-effettività tar-regolazzjoni ħafna drabi tkun imtellfa bin-nuqqas ta' indipendenza tar-regolaturi mill-gvern kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' setgħat u diskrezzjoni. Għal din ir-raġuni, fit-8 u d-9 ta' Marzu 2007 fil-laqgħa tiegħu fi Brussell, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa proposti leġiżlattivi li jipprovdu għal aktar armonizzazzjoni tas-setgħat u t-tisħiħ ta' l-indipendenza tar-regolaturi nazzjonali fl-enerġija.

(18) Ir-regolaturi fl-enerġija jeħtieġ li jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet fuq il-kwistjonijiet regolatorji rilevanti kollha għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, u li jkunu indipendenti bis-sħiħ minn kwalunkwe interess pubbliku jew privat.

(19) Ir-regolaturi ta' l-enerġija għandu jkollhom is-setgħa li joħorġu deċiżjonijiet li jorbtu fuq l-impriżi tal-gass, kif ukoll li jimponu sanzjonijiet effettivi, xierqa u dissważivi fuq l-impriżi tal-gass naturali li jonqsu milli jikkonformawx ma' l-obbligi tagħhom. Għandhom jingħataw ukoll is-setgħat biex jiddeċiedu, tkun xi tkun l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, dwar kwalunkwe miżura xierqa li tippromwovi l-kompetizzjoni effettiva meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-suq, kif ukoll biex jiżguraw standards għoljin tas-servizz pubbliku f'konformità mal-ftuħ tas-suq, il-protezzjoni ta' klijenti vulnerabbli, u l-effettività totali tal-miżuri għall-ħarsien tal-konsumatur. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu bla ħsara kemm għas-setgħat tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, inkluża l-analiżi tal-fużjonijiet (mergers) b'dimensjoni Komunitarja, kif ukoll għar-regoli dar is-suq intern, bħall-moviment ħieles tal-kapital.

(20) Investimenti f'infrastrutturi kbar ġodda għandhom jiġu promossi bil-qawwa, filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern fil-gass naturali. Sabiex jittejjeb l-effett pożittiv ta' proġetti eżentati ta' l-infrastruttura fuq il-kompetizzjoni u s-sigurtà tal-provvista, għandu jiġi ttestjat l-interess fis-suq matul il-fażi ta' ppjanar tal-proġett, u għandhom jiġu implimentati regoli għall-ġestjoni tal-konġestjoni. Meta infrastruttura tinsab fit-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija għandha tieħu ħsieb it-talba għall-eżenzjoni sabiex tqis aħjar l-implikazzjonijiet transkonfinali tagħha u sabiex tiffaċilità t-trattament amministrattiv tagħha. Barra minn hekk, minħabba l-profil ta' riskju eċċezzjonali fil-bini ta' dawn il-proġetti kbar ta' infrastruttura eżenti, huwa possibbli li jkun hemm deroga parzjali temporanja għall-impriżi ta' forniment u ta' produzzjoni fir-rigward tar-regoli ta' separazzjoni għall-proġetti kkonċernati. Dan għandu japplika b'mod partikolari, minħabba raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista, għal pipelines ġodda fil-Komunità li jittrasportaw il-gass minn pajjiżi terzi sa ġewwa l-Komunità.

(21) Is-suq intern tal-gass qed ibati minn nuqqas ta' likwidità u trasparenza li jxekklu l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi, l-ilqugħ għar-riskji u penetrazzjonijiet ġodda fis-suq. Il-fiduċja fis-suq, il-likwidità tiegħu u l-għadd ta' parteċipanti fis-suq jeħtieġ li jiżdiedu, u għalhekk jeħtieġ li jiżdied il-monitoraġġ regolatorju fuq l-impriżi attivi fil-forniment tal-gass. Rekwiżiti bħal dawn għandhom ikunu bla ħsara għall-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti dwar is-swieq finanzjarji, u kompatibbli magħha. Ir-Regolaturi ta' l-Enerġija u r-Regolaturi tas-Swieq Finanzjarji jeħtieġ li jikkooperaw sabiex jippermettu lil xulxin ikollhom stampa globali tas-swieq ikkonċernati.

(22) Qabel ma l-Kummissjoni tadotta l-linji gwida li jiddefinixxu aktar ir-rekwiżiti taż-żamma tar-reġistri, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija u l-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli Finanzjarji (CESR) għandhom jikkooperaw biex jinvestigaw u jagħtu pariri b'mod konġunt lill-Kummissjoni dwar il-kontenut tal-linji gwida. L-Aġenzija u l-Kumitat għandhom jikkooperaw ukoll biex jinvestigaw aktar u jagħtu pariri dwar jekk it-tranżazzjonijiet fil-kuntratti tal-forniment tal-gass u derivattivi tagħhom għandhomx ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel u/jew ta' wara l-kummerċ, u jewkk iva, x'għandu jkun il-kontenut ta' dawk ir-rekwiżiti.

(23) Ir-rekwiżiti tas-servizz pubbliku u l-istandards komuni minimi li jitnisslu minnhom, jeħtieġ li jissaħħu aktar biex jiġi żgurat li l-konsumaturi kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-kompetizzjoni. Aspett prinċipali fil-forniment lill-klijent huwa l-aċċess għad-dejta dwar il-konsum, u l-konsumaturi jrid jkollhom aċċess għad-dejta tagħhom sabiex ikunu jistgħu jistiednu l-kompetituri biex jagħmlu offerta bbażata fuq din id-dejta. Il-konsumaturi għandu jkollhom ukoll id-dritt li jiġu infurmati sewwa dwar il-konsum ta' l-enerġija tagħhom. Tagħrif dwar l-ispejjeż fl-enerġija li jingħata b'mod regolari joħloq inċentivi għat-tfaddil fl-enerġija għaliex jagħti lura lill-klijenti informazzjoni diretta dwar l-effetti ta' l-investiment fl-użu effiċjenti ta' l-enerġija u fil-bidla fl-imġiba.

(24) Għal kontribuzzjoni lejn is-sigurtà tal-provvista filwaqt li jinżamm spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, notevolment fil-każ ta' kriżi ta' provvista ta' l-enerġija, huwa importanti li jkun hemm qafas għal ftehimiet reġjonali ta' solidarjetà.

(25) Fid-dawl tal-ħolqien ta' suq intern tal-gass, l-Istati Membri għandhom iġibu 'l quddiem l-integrazzjoni tas-swieq nazzjonali tagħhom u l-kooperazzjoni ta' l-operaturi tan-netwerks fil-livell Ewropew kif ukoll reġjonali.

(26) L-awtoritajiet regolatorji għandhom jipprovdi informazzjoni lis-suq ukoll biex jippermettu lill-Kummissjoni taqdi r-rwol tagħha li tosserva u tissorvelja s-suq Ewropew tal-gass u l-evoluzzjoni fil-medda l-qasira, dik medja u fit-tul, inklużi aspetti bħall-provvista u d-domanda, l-infrastrutturi tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni, il-kummerċ transkonfinali, l-investimenti, il-prezzijiet bl-ingrossa u dawk għall-konsumaturi, il-likwidità tas-suq, it-titjib ambjentali u dak ta' l-effiċjenza.

(27) Peress li l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, partikolarment il-ħolqien ta' suq intern ta' l-gass kompletament operattiv, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk, permezz tal-bilanċ u l-effetti ta' l-azzjoni ikun jista' jintlaħaq aħjar fuq livell ta' Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċesarju sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(28) Ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali[16] jipprovdi lill-Kummissjoni bill-possibbiltà li tadotta linji gwida biex tikseb il-livell ta' armonizzazzjoni meħtieġa.. Linji gwida bħal dawn, li b'hekk huma miżuri ta' implimentazzjoni vinkolanti, huma għodda utli li tista' tiġi adattata malajr meta jkun meħtieġ.

(29) Id-Direttiva 2003/55/KE tistipula li għandhom jiġu adottati ċerti miżuri skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni[17].

(30) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, li introduċiet il-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-miżuri b'ambitu ġenerali maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' att bażiku, adottati skond il-proċedura taħt l-Artikolu 251 tat-Trattat, inkluż billi jiġu mneħħija xi wħud minn dawk l-elementi jew billi jissupplimentaw l-istrument biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali.

(31) Skond id-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni[18] dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE, biex din il-proċedura l-ġdida tkun applikabbli għall-istrumenti adottati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat u li diġà huma fis-seħħ, dawk l-istrumenti għandhom jiġu emendati skond il-proċeduri applikabbli.

(32) Fir-rigward tad-Direttiva 2003/55/KE, il-Kummissjoni għandu tingħatalha s-setgħa b'mod partikolari biex tadotta l-linji gwida meħtieġa għall-provvediment tal-livell minimu ta' armonizzazzjoni meħtieġ biex jintlaħaq l-għan ta' din id-Direttiva. Billi dawk il-miżuri huma ta' firxa ġenerali u mfassla bħala sostenn għad-Direttiva 2003/55/KE permezz taż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, iridu jkunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju pprovduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(33) Id-Direttiva 2003/55/KE għandha tiġi emendata skond dan,

16 ĠU L 289, 3.11.2005, p. 1.
17 ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).
18 ĠU C 255, 21.10.2006, p. 1.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*
*Emendi għad-Direttiva 2003/55/KE*

Id-Direttiva 2003/55/KE hija emendata hekk:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 20 huwa emendat kif ġej:

“20. "impriża integrata vertikalment" tfisser impriża tal-gass naturali jew grupp ta’ impriżi tal-gass naturali fejn l-istess persuna jew l-istess persuni huma intitolati, direttament jew indirettament, li jeżerċitaw kontroll fl-ambitu ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ta' l-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi*, u fejn l-impriża jew grupp ta' impriżi twettaq/iwettaq għall-inqas wieħed mill-funzjonijiet tat-trażmissjoni, distribuzzjoni, LNG jew ħżin, u għall-inqas waħda mill-funzjonijiet ta’ produzzjoni jew forniment tal-gass naturali;

---

* ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

(b) Għandhom jiżdiedu l-punti 34 sa 36 li ġejjin:

"34. 'kuntratt għal forniment tal-gass' tfisser kuntratt għall-forniment tal-gass naturali, iżda ma tinkludix derivattiva tal-gass;

35. 'derivattiva tal-gass' tfisser strument finanzjarju speċifikat f'waħda mis-Sezzjonijiet C5, C6, jew C7 ta' l-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar swieq fi strumenti finanzjarji[19], fejn dak l-istrument għandu x'jaqsam ma' gass naturali;

36. "kontroll" tfisser kwalunkwe drittijiet, kuntratti jew kwalunkwe mezzi oħra li, sew separatament jew flimkien, u filwaqt li jitqiesu l-fatti u l-liġijiet involuti, jagħtu l-possibbiltà li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq impriża, b'mod partikolari permezz tas:

(a) s-sjieda jew id-dritt li jintużaw l-assi kollha ta' impriża, jew parti minnhom;

(b) drittijiet jew kuntratti li jikkonferixxu influwenza deċiżiva fuq il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjonijiet ta' l-organi ta' impriża."

(2) Fl-Artikolu 3, għandu jiżdied dan il-paragrafu 7:

"7. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida għall-implimentazzjoni ta’ dan l-Artikolu. Din il-miżura, maħsuba biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tappoġġaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(3).

---

19 ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

(3) L-Artikolu 5a u 5b li ġejjin jiddaħħlu:

*"Artikolu 5a*
*Solidarjetà reġjonali*

1. Sabiex tiġi ssalvagwardata provvista sigura fis-suq intern tal-gass naturali, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw sabiex jippromwovu s-solidarjetà reġjonali u bilaterali.

2. Din il-kooperazzjoni għandha tkopri sitwazzjonijiet li jirriżultaw fi, jew li x'aktarx jirriżultaw fil-medda l-qasira fi xkiel serju tal-provvista li jolqot Stat Membru. Għandha tinkludi:

(a) koordinazzjoni ta' miżuri nazzjonali ta' emerġenza kif jissemma fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/67/KE;

(b) identifikazzjoni u, fejn meħtieġ, żvilupp jew tiġdid ta' interkonnessjonijiet ta' elettriku u ta' gass naturali;

(c) kundizzjonijiet u modalitajiet prattiċi għall-assistenza reċiproka.

3. Il-Kummissjoni għandha tinżamm informata dwar din il-kooperazzjoni.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida għall-kooperazzjoni reġjonali ta' solidarjetà. Din il-miżura, maħsuba biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tappoġġaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(3).

*Article 5b*
*Promozzjoni ta' Kooperazzjoni Reġjonali*

L-Istati Membri għandhom jikkooperaw bejniethom bil-għan li jintegraw is-swieq nazzjonali tagħhom għall-inqas fuq livell reġjonali. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni ta' l-operaturi tan-netwerk fil-livell reġjonali, u jrawmu l-konsistenza tal-qafas legali u regolatorju tagħhom. Iż-żona ġeografika koperta mill-kooperazzjoni reġjonali għandha *tikkonforma mad-definizzjoni ta' żoni ġeografiċi mill-Kummissjoni skond* l-Artikolu 2h(3) tar-Regolament (KE) Nru 1775/2005."

(4) L-Artikolu 7 għandu jinbidel kif ġej:

*"Artikolu 7*
*Separazzjoni tas-sistemi ta' trażmissjoni u ta' l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minn [id-data ta' traspożizzjoni biż-żieda ta' sena waħda] 'il quddiem:

(a) kull impriża li jkollha s-sjieda ta' sistema ta' trażmissjoni tagħha taġixxi bħala operatur tas-sistema ta' trażmissjoni;

(b) l-istess persuna jew l-istess persuni mhumiex intitolati:

(i) li jeżerċitaw kontroll direttament jew indirettament fuq impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta’ produzzjoni jew forniment, u li jeżerċitaw direttament jew indirettament kontroll jew li jkollhom xi interess jew li jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq operatur tas-sistema ta’ trażmissjoni jew fuq sistema ta’ trażmissjoni,

jew

(ii) li jeżerċitaw kontroll direttament jew indirettament fuq operatur ta' sistema tat-trażmissjoni jew fuq sistema tat-trażmissjoni, u li direttament jew indirettament jeżerċitaw kontroll jew li jkollhom kwalunkwe interessi fi jew li jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew forniment;

(c) l-istess persuna jew l-istess persuni mhumiex intitolati li jaħtru membri tal-bord superviżorju, tal-bord amministrattiv jew ta’ korpi li jirrappreżentaw ġuridikament lil impriża, ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni jew ta' sistema tat-trażmissjoni, u li direttament jew indirettament teżerċita kontroll jew ikollha kwalunkwe interess fi jew teżerċita kwalunkwe dritt fuq impriża li jkollha kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-forniment;

(d) l-istess persuna jew l-istess persuni mhumiex intitolati li jkunu membri tal-bord superviżorju, tal-bord amministrattiv jew ta’ l-entitajiet li jirrappreżentaw l-impriża b’mod legali, kemm ta’ impriża li twettaq kwalunkwe mill-funzjonijiet ta’ produzzjoni jew ta’ forniment kif ukoll ta’ operatur tas-sistema ta’ trażmissjoni jew ta’ sistema ta’ trażmissjoni.

2. L-interessi u d-drittijiet imsemmija fil-paragrafi 1(b) għandhom jinkludu, b’mod partikolari:

(a) il-proprjetà ta’ parti mill-kapital jew ta’ l-assi tan-negozju, jew

(b) is-setgħa għall-eżerċizzju tad-drittijiet ta’ votazzjoni, jew

(c) is-setgħa għall-ħatra tal-membri tal-bord superviżorju, tal-bord amministrattiv jew ta’ l-entitajiet li jirrappreżentaw l-impriżi b’mod legali, jew

(d) id-dritt li jiksbu dividendi jew ishma oħra tal-benefiċċji.

3. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1(b), il-kunċett ta' "impriża li taqdi kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-forniment" għandu jkopri "impriża li taqdi kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tal-ġenerazzjoni u l-forniment" fl-ambitu tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta' l-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE*, u t-termini "operatur ta' sistema tat-trażmissjoni" u "sistema tat-trażmissjoni" għandhom ikopru "operatur ta' sistema tat-trażmissjoni" u "sistema tat-trażmissjoni" fl-ambitu tad-Direttiva 2003/54/KE.

* ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37.

4. L-Istati Membri għandhom jippermettu derogi mill-paragrafi 1(b) u 1(c) sa [id-data ta' traspożizzjoni biż-żieda ta' sentejn], sakemm l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ma jkunux jiffurmaw parti minn impriża integrata vertikalment.

5. L-obbligu stipulat fil-paragrafu 1(a) jitqies sodisfatt f'sitwazzjoni fejn diversi impriżi li għandhom is-sjieda ta' sistemi tat-trażmissjoni joħolqu impriża konġunta li taġixxi ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni f'diversi Stati Membri għas-sistemi tat-trażmissjoni kkonċernati. L-ebda impriża oħra ma tista' tkun parti mill-impriża konġunta, sakemm ma tkunx ġiet approvata bħala operatur indipendenti ta' sistema skond l-Artikolu 9a.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li tkun kummerċjalment sensittiva msemmija fl-Artikolu 10(1), miżmuma minn operatur tas-sistema ta' trażmissjoni li kienet tifforma parti minn impriża integrata vertikalment u mill-persunal ta' tali operatur ta' sistema tat-trażmissjoni, ma tiġix trasferita lil impriżi li jwettqu kwalunkwe mill-funzjonijiet ta' produzzjoni u ta' forniment.

(5) L-Artikoli 7a, 7b u 7c li ġejjin jiddaħħlu:

*"Artikolu 7a*

*Il-kontroll tal-proprjetarji tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni*

1. Bla ħsara għall-obbligi internazzjonali tal-Komunità, is-sistema ta' trażmissjoni jew l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ma għandhomx jiġu kontrollati minn persuna jew persuni minn pajjiżi terzi.

2. Ftehim konkluż ma pajjiż terz wieħed jew aktar li l-Komunità tkun parti għalih jista' jagħti lok għal deroga mill-paragrafu 1.

*Artikolu 7b*

*L-għażla u ċ-ċertifikazzjoni ta' operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni*

1. Impriżi li huma sidien ta' sistema tat-trażmissjoni u li ġew ċertifikati mill-awtorità regolatorja nazzjonali bħala konformi mar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 7(1) u 7a, skond il-proċedura ta' ċertifikazzjoni ta' hawn taħt, għandhom ikunu approvati u nnominati bħala operaturi ta' sistema tat-trażmissjoni mill-Istati Membri. Il-ħatra ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni u ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Bla ħsara għall-obbligi internazzjonali tal-Komunità, fejn iċ-ċertifikazzjoni tintalab mis-sid ta' sistema tat-trażmissjoni jew minn operatur ta' sistema tat-trażmissjoni kontrollat minn persuna jew persuni minn pajjiżi terzi f'konformità ma' l-Artikolu 7a, din għandha tinċaħad sakemm is-sid ta' sistema tat-trażmissjoni jew minn operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ma jurix li ma hemm l-ebda possibbiltà biex l-entità kkonċernata tkun influwenzata, bi ksur ta' l-Artikolu 7(1), direttament jew indirettament minn kwalunkwe operatur attiv fil-produzzjoni jew il-forniment tal-gass jew l-elettriku jew minn pajjiż terz.

3. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jinnotifikaw lill-awtorità regolatorja kwalunkwe tranżazzjoni ppjanata li tkun tista' teħtieġ valutazzjoni mill-ġdid tal-konformità tagħhom ma' l-Artikoli 7(1) jew 7a.

4. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jissorveljaw il-konformità kontinwa ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ma' l-Artikoli 7(1) u 7a. Għandhom jiftħu proċedura taċ-ċertifikazzjoni biex jiżguraw tali konformità.

(a) man-notifika mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni skond il-paragrafu 3;

(b) fuq inizjattiva tagħhom fejn ikunu jafu dwar bidla ppjanata fid-drittijiet jew fl-influwenza fuq il-proprjetarji jew l-operaturi tas-sistema ta’ trażmissjoni jista’ jwassal għal ksur tar-regoli ta' l-Artikoli 7(1) jew 7a, jew meta jingħataw x'jifhmu li ksur bħal dan seta' seħħ; inkella

(c) fuq talba motivata mill-Kummissjoni.

5. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jadottaw deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew mid-data tat-talba tal-Kummissjoni. Wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu, iċ-ċertifikazzjoni titqies bħala mogħtija. Id-deċiżjoni espliċita jew taċità ta' l-awtorità regolatorja jista' ssir effettiva bissa wara l-konklużjoni tal-proċedura stipulata fil-paragrafi 6 sa 9 u biss jekk il-Kummissjoni ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni kontriha.

6. Kwalunkwe deċiżjoni espliċita jew taċita dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandha tkun notifikata mingħajr dewmien lill-Kummissjoni mill-awtorità regolatorja, flimkien ma’ l-informazzjoni rilevanti kollha rigward id-deċiżjoni.

7. Il-Kummissjoni għandha teżamina n-notifika malli hija tirċeviha. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi n-notifika, meta l-Kummissjoni ssib li d-deċiżjoni ta' l-awtorità regolatorja tqajjem dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħha ma' l-Aritkoli 7(1), 7a jew 7b(2), għandha tiddeċiedi li tibda l-proċedimenti. F'każ bħal dan, għandha tistieden lill-awtorità regolatorja u l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni kkonċernata biex tressaq il-kummenti. Fejn il-Kummissjoni teħtieġ tagħrif addizzjonali, il-perjodu ta’ xahrejn jista’ jiġi estiż b’xahrejn oħra, minn meta tasal l-informazzjoni kollha.

8. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi tiftaħ proċedimenti, għandha, fi żmien massimu ta' erba' xhur mid-data ta' deċiżjoni bħal din, toħroġ deċiżjoni finali

(a) biex ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra d-deċiżjoni ta' l-awtorità regolatorja;

jew

(b) li tesiġi li l-awtorità regolatorja kkonċernata temenda jew tirtira d-deċiżjoni tagħha jekk tqis li l-Artikoli 7(1), 7(a) jew 7b(2) ma ġewx rispettati.

9. Meta l-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni biex tiftaħ il-proċedimenti jew deċiżjoni finali fil-perjodu stabbilit fil-paragrafi 7 u 8 rispettivament, għandu jitqies

li l-Kummissjoni ma qajmet ll-ebda oġġezzjoni għad-deċiżjoni ta' l-awtorità regolatorja.

10. L-awtorità regolatorja għandha tikkonforma mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex temenda jew tirtira d-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni fi żmien erba' ġimgħat, u għandha tinforma lill-Kummissjoni skond dan.

11. L-awtoritajiet regolatorji u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, lill-impriżi li jwettqu kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew ta' forniment, kwalunkwe tagħrif rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skond dan l-Artikolu.

12. L-awtoritajiet Regolatorji u l-Kummissjoni għandhom jippriservaw il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

13. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida li jistipulaw id-dettalji tal-proċedura li għandha tissegwa għall-applikazzjoni tal-paragrafi 6 sa 9. Din il-miżura, maħsuba biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tappoġġaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(3).

*Article 7c*
*Ħatra ta' operaturi tal-ħżin u tas-sistema ta' l-LNG*

L-Istati Membri għandhom jaħtru, jew jitolbu lil impriżi tal-gass naturali li huma proprjetarji ta' faċilitajiet tal-ħżin jew ta' l-LNG li jaħtru, għal perjodu li għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri b'qies għall-kwistjonijiet ta' effiċjenza u bilanċ ekonomiku, operatur tas-sistema wieħed jew aktar."

(6) L-Artikolu 8 paragrafu 1a għandu jinbidel kif ġej:

"(a) iħaddem, imantni u jiżviluppa taħt kundizzjonijiet ekonomiċi, faċilitajiet tat-trażmissjoni, tal-ħżin u ta' l-LNG siguri, affidabbli u effiċjenti, li jqisu kif jixraq l-ambjent, u li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika u r-riċerka u l-innovazzjoni, notevolment fir-rigward ta' l-assigurazzjoni tal-penetrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u t-tixrid ta' teknoloġija b'użu baxx tal-karbonju."

(7) L-Artikolu 9 għandu jitħassar.

(8) L-Artikoli 9 u 9a li ġejjin għandhom jiddaħħlu:

*"Artkolu 9*
*Operaturi indipendenti ta' sistemi*

1. Meta mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, is-sistema ta' trażmissjoni tkun tappartjeni lil impriża integrata vertikalment, l-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi mill-Artikolu 7(1), bil-kundizzjoni li jinħatar mill-Istat Membru fuq proposta mill-proprjetarju tas-sistema ta' trażmissjoni u soġġett għall-approvazzjoni ta' din il-ħatra min-naħa tal-Kummissjoni. Fi kwalunkwe każ, impriżi integrati vertikalment li jkunu proprjetarji ta' sistema ta' trażmissjoni ma għandhomx jinżammu milli jieħdu passi biex jikkonformaw ma' l-Artikolu 7(1).

2. L-Istat Membru jista' japprova u jaħtar biss operatur indipendenti tas-sistema, meta:

(a) l-operatur kandidat wera li jikkonforma mar-rekwiżiti ta’ l-Artikolu 7(1)(b) sa (d);

(b) l-operatur kandidat wera li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu r-riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu skond l-Artikolu 8;

(c) l-operatur kandidat intrabat li jikkonforma ma’ pjan ta’ għaxar snin għall-iżvilupp tan-netwerk, propost mill-awtorità regolatorja;

(d) is-sid tas-sistema tat-trażmissjoni jkun wera l-kapaċità tiegħu li jikkonforma ma' l-obbligi taħt il-paragrafu 6. Għal dan il-għan, għandu jipprovdi abbozz ta’ l-arranġamenti kuntrattwali kollha ma’ l-impriża kandidata u ma’ kwalunkwe entità oħra rilevanti;

(e) l-operatur kandidat wera l-kapaċità tiegħu li jikkonforma ma’ l-obbligi tiegħu skond ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1775/05 tat-28 ta’ Settembru 2005 dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta’ trażmissjoni tal-gass naturali inkluża l-kooperazzjoni ta’ l-operaturi tas-sistema ta’ trażmissjoni fil-livell Ewropew u dak reġjonali.

---

3. Impriżi li ġew ċertifikati mill-awtorità regolatorja bħala konformi mar-rekwiżiti ta' l-Artikoli 7a u 9(2) għandhom ikunu approvati u nnominati bħala operaturi ta' sistema indipendenti mill-Istati Membri. Il-proċedura taċ-ċertifikazzjoni fl-Artikolu 7b għandha tkun applikabbli.

4. Meta l-Kummissjoni tkun ħadet deċiżjoni skond il-proċedura fl-Artikolu 7b u tiskopri li l-awtorità regolatorja ma tkunx ikkonformat mad-deċiżjoni tagħha fi żmien xahrejn, għandha, fi żmien perjodu ta' sitt xhur, taħtar, fuq proposta mill-Aġenzija u wara li tkun semgħat lis-sid tas-sistema tat-trażmissjoni u lill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, operatur indipendenti tas-sistema għal perjodu ta' 5 snin. Fi kwalunkwe ħin, is-sid tas-sistema tat-trażmissjoni jista' jipproponi lill-awtorità regolatorja biex taħtar operatur indipendenti ġdid tas-sistema skond il-proċedura fl_Artikolu 9(1).

5. Kull operatur indipendenti tas-sistema, għandu jkun responsabbli għall-għoti u l-ġestjoni ta’ l-aċċess għal partijiet terzi, inkluż il-ġbir ta’ ħlasijiet ta’ aċċess u kiri ta’ konġestjoni, għat-tħaddim, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistema ta’ trażmissjoni, kif ukoll għall-iżgurar tal-kapaċità fit-tul tas-sistema li tilqa’ domanda raġonevoli permezz ta’ ppjanar ta’ investiment. Fl-iżvilupp tan-netwerk, l-operatur indipendenti tas-sistema huwa responsabbli għall-ippjanar (inkluża l-proċedura ta' l-awtorizzazzjoni), il-bini, u l-kuntrattar ta' l-infrastruttura l-ġdida. Għal dan il-għan, għandu jaġixxi bħala operatur tas-sistema ta’ trażmissjoni f’konformità ma’ dan il-Kapitolu. Is-sidien tas-sistema tat-trażmissjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għall-approvazzjoni u l-ġestjoni ta' aċċess mill-partijiet terzi, u lanqas għall-ippjanar ta' l-investiment.

6. Meta jinħatar operatur ta' sistema indipendenti, is-sid tas-sistema tat-trażmissjoni għandu:

(a) jipprovdi l-kooperazzjoni u l-appoġġ kollha rilevanti lill-operatur indipendenti tas-sistema għat-twettiq tal-kompiti tiegħu, inkluż b'mod partikolari t-tagħrif kollu rilevanti;

(b) jiffinanzja l-investimenti deċiżi mill-operatur indipendenti tas-sistema u approvati mill-awtorità regolatorja, jew jaċċetta li jiġu ffinanzjati minn kwalunkwe parti interessata, inkluż l-operatur indipendenti tas-sistema. *L-arranġamenti ta' finanzjament rilevanti għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja.* Qabel din l-approvazzjoni, l-Awtorità Regolatorja għandha tikkonsulta s-sid ta' l-assi flimkien mal-partijiet interessati l-oħra;

(c) jipprovdi għall-kopertura ta' responsabbiltà relatata ma' l-assi tan-netwerk li huwa proprjetarju tagħhom u li huma ġestiti minn operatur ta' sistema indipendenti, bl-esklużjoni tar-responsabbiltà marbuta mal-kompiti ta' l-operatur indipendenti tas-sistema;

(d) jipprovdi garanziji biex jiġi ffaċilitat il-finanzjament ta' kwalunkwe espansjonijet tan-netwerk bl-eċċezzjoni ta' dawk l-investimenti fejn, skond il-paragrafu b, jkun ta l-approvazzjoni tiegħu għal finanzjament minn kwalunkwe parti interessata, inkluż l-operatur indipendenti tas-sistema.

7. F'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-awtorità regolatorja, l-awtorità nazzjonali rilevanti fuq il-kompetizzjoni għandha tingħata s-setgħat kollha rilevanti sabiex tissorvelja b'mod effettiv il-konformità tal-proprjetarju tas-sistema ta' trażmissjoni ma' l-obbligi tiegħu skond il-paragrafu 6.

*Artikolu 9a*

*Separazzjoni tal-proprjetarju tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' l-operatur tas-sistema ta' ħżin*

1. Il-proprjetarji tas-sistema ta' trażmissjoni, meta jkun inħatar operatur indipendenti tas-sistema, u l-operaturi tas-sistema ta' ħżin li jiffurmaw parti minn impriżi integrati vertikalment, għandhom ikunu indipendenti, għall-inqas f'termini tas-sura legali, l-organizzazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, minn attivitajiet oħrajn li ma humiex relatati mat- trażmissjoni u l-ħżin.

Dan l-Artikolu għandu japplika biss għall-faċilitajiet tal-ħżin li huma teknikament u/jew ekonomikament meħtieġa għall-aċċess effiċjenti fis-sistema għall-forniment ta' klijenti skond l-Artikolu 19.

2. Sabiex tiġi aċċertata l-indipendenza tal-proprjetarju tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' l-operatur tas-sistema ta' ħżin msemmija fil-paragrafu 1, għandhom japplikaw il-kriterji minimi li ġejjin:

(a) dawk il-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni tal-proprjetarju tas-sistema ta' trażmissjoni u l-operatur tas-sistema ta' ħżin ma jistgħux jieħdu sehem fl-istrutturi tal-kumpaniji ta' l-impriża integrata tal-gass naturali li hija responsabbli, direttament jew indirettament, għall-operat ta' kuljum tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-forniment tal-gass naturali;

(b) għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi aċċertat illi l-interessi professjonali tal-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni tal-proprjetarju tas-sistema ta' trażmissjoni u l-operatur tas-sistema ta' ħżin jitqiesu b'mod li jiżgura li huma kapaċi li jaġixxu b'mod indipendenti;

(c) l-operatur tas-sistema ta' ħżin għandu jkollu drittijiet effettivi ta' teħid tad-deċiżjonijiet, indipendentement mill-impriża integrata tal-gass, rigward l-assi meħtieġa għat-tħaddim, il-manutenzjoni jew l-iżvilupp tal-faċilitajiet tal-ħżin. Dan ma għandux jeskludi l-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni xierqa biex jiġi aċċertat li jiġu protetti d-drittijiet ta' sorveljanza ekonomika u ta' amministrazzjoni tal-kumpanija prinċipali rigward prospetti fuq assi regolati indirettament skond l-Artikolu 24c(4) f'kumpanija sussidjarja. B'mod partikolari, dan għandu jippermetti lill-kumpanija prinċipali tapprova l-pjan finanzjarju ta' kull sena, jew kwalunkwe strument ekwivalenti, ta' l-operatur tas-sistema ta' ħżin, kif ukoll li tistabbilixxi limiti globali fuq il-livelli ta' dejn tas-sussidjarja tagħha. Dan ma għandux jippermetti lill-kumpanija prinċipali tagħti xi struzzjonijiet dwar it-tħaddim ta' kuljum, u lanqas dwar deċiżjonijiet individwali marbuta mal-bini jew mat-tiġdid tal-faċilitajiet tal-ħżin, li ma jkunux jeċċedu t-termini tal-pjan finanzjarju approvat, jew kwalunkwe strument ekwivalenti ieħor;

(d) il-proprjetarju tas-sistema ta' trażmissjoni u l-operatur tas-sistema ta' ħżin għandhom ifasslu programm ta' konformità, li jistabbilixxi l-miżuri meħuda biex ikun żgurat li ma jkun hemm l-ebda mġiba diskriminatorja, u biex ikun żgurat li l-ħarsien tiegħu jkun issorveljat tajjeb. Il-programm għandu jistabbilixxi l-obbligi speċifiċi ta' l-impjegati li jilħqu dawn l-għanijiet. Rapport ta' kull sena, li jindika l-miżuri li jkunu ttieħdu, għandu jingħata mill-persuna jew korp responsabbli għas-sorveljanza tal-programm ta' konformità lill-awtorità regolatorja u għandu jiġi ppubblikat.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida biex taċċerta l-konformità sħiħa u effettiva mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tal-proprjetarju tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' l-operatur ta' ħżin. Din il-miżura, maħsuba biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tappoġġaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(3)."

(9) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

*"Artikolu 10*

*Il-kunfidenzjalità għal operaturi ta' sistemi tat-trażmissjoni u sidien tas-sistema tat-trażmissjoni*

1. Bla ħsara għall-Artikolu 16 jew kwalunkwe dmir legali biex l-informazzjoni tiġi żvelata, kull operatur ta' sistema tat-trażmissjoni, tal-ħżin u/jew ta' l-LNG, u s-sidien tas-sistema tat-trażmissjoni, għandu jħares il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba matul l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha, u ma għandux iħalli informazzjoni dwar l-attivitajiet proprji li tista' tkun kummerċjalment vantaġġuża tiġi żvelata b'mod diskriminatorju. B'mod partikolari ma għandu jikxef l-ebda informazzjoni kummerċjalment sensittiva lill-bqija tal-kumpanija, sakemm dan ma jkunx meħtieġ għall-finijiet ta' tranżazzjoni kummerċjali. Sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mar-regoli dwar is-separazzjoni ta'

l-informazzjoni, għandu jiġi żgurat ukoll li s-sid tat-trażmissjoni u l-bqija tal-kumpanija ma jużawx servizzi konġunti, ħlief għal funzjonijiet purament amministrattiva jew marbuta ma' l-IT (eż. l-ebda servizz legali konġunt).

2. Operaturi tas-sistemi tat-trasmissjoni, tal-ħżin u/jew ta' l-LNG ma għandhomx, fil-kuntest ta' bejgħ jew xiri tal-gass naturali minn impriża relatata, jabbużaw minn informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba minn terzi fil-kuntest tal-fornitura jew negozjar ta' l-aċċess għas-sistema."

(10) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 2(c), għandha tiżdied is-sentenza li ġejja wara l-ewwel sentenza: "Sabiex jitwettqu dawn il-kompiti, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu r-riżorsi neċessarji, inklużi dawk umani, tekniċi, finanzjarji u fiżiċi."

(b) Il-paragrafu 2(d) huwa emendat kif ġej:

(i) l-aħħar sentenza hija emendata kif ġej: "Rapport ta' kull sena, li jindika l-miżuri li jkunu ttieħdu, għandu jingħata mill-persuna jew korp responsabbli għas-sorveljanza tal-programm ta' konformità, minn issa 'l quddiem 'l-uffiċjal għall-konformità', lill-awtorità regolatorja msemmija fl-Artikolu 24a(1) u għandu jiġi ppubblikat.

(ii) Tiddaħħal is-sentenza li ġejja: "L-uffiċjal għall-konformità għandu jkun kompletament indipendenti u għandu jkollu aċċess għat-tagħrif kollu neċessarju dwar l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u dwar kwalunkwe kumpanija affiljata sabiex iwettaq il-kompitu tiegħu."

(c) Jiżdiedu l-paragrafi 3 u 4 li ġejjin:

"3. Fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jifforma parti minn impriża integrata vertikalment, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-attivitajiet ta' l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni jiġi sorveljat sabex ma jkunx jista' japprofitta ruħu mill-integrazzjoni vertikali tiegħu biex ixekkel il-kompetizzjoni. B'mod partikolari, l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni li huma integrati vertikalment ma għandhomx, fil-komunikazzjoni u l-branding, joħolqu konfużjoni fir-rigward ta' l-identità separata tal-fergħa ta' forniment ta' l-impriża integrata vertikalment.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida biex tiżgura l-konformità sħiħa u effettiva ta' l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni mal-paragrafu 2 fir-rigward ta' l-indipendenza sħiħa ta' l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, l-assenza ta' mġiba diskriminatorja, kif ukoll biex tiżgura li l-attivitajiet ta' forniment ta' l-impriża integrata vertikalment ma jeħdux vantaġġ inġust mill-integrazzjoni vertikali tiegħu. Din il-miżura, maħsuba biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tappoġġaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(3)."

(11) L-Artikolu 15 għandu jinbidel kif ġej:

"Din id-direttiva ma għandhiex tipprevjeni t-tħaddim ta' sistema kkombinata tat-trażmissjoni, LNG, ħżin u distribuzzjoni, sakemm din tikkonforma għal kull waħda mill-attivitajiet tagħha, mad-dispożizzjonijiet applikabbli ta' l-Artikoli 7, 9a u 13(1)."

(12) Fl-Artikolu 19(1) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu u jippubblikaw il-kriterji skond liema jista' jiġi ddeterminat jekk l-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħżin u l-*linepack* humiex teknikament u/jew ekonomikament meħtieġa biex jipprovdu aċċess effiċjenti għas-sistema għall-forniment tal-klijenti. L-Istati Membri għandhom joħorġu fil-pubbliku, jew inkella jobbligaw lill-operaturi tas-sistema ta' ħżin u lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni li jagħmlu pubbliku, liema faċilitajiet tal-ħżin u liema linepack huma offruti skond il-proċeduri differenti msemmija fil-paragrafi 3 u 4."

(13) L-Artikolu 22 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 22*
*Infrastruttura ġdida*

1. Infrastrutturi maġġuri ġodda tal-gass, jiġifieri interkonnetturi bejn l-Istati Membri, faċilitajiet ta' ħżin u ta' LNG jistgħu, fuq talba, jiġu eżentati, għal perjodu ta' żmien limitat, mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 7, 18, 19, 20, u 24c(4), (5) u (6) taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-investiment għandu jtejjeb il-kompetizzjoni fil-fornitura tal-gass u jtejjeb is-sigurtà tal-fornitura;

(b) il-livell tar-riskju għall-investiment huwa tali li l-investiment ma jsirx kemm-il darba ma tingħatax eżenzjoni;

(c) l-infrastruttura għandha tkun il-proprjetà ta' persuna naturali jew legali li hija separata għall-inqas ai termini tal-forma legali tagħha, mill-operatur tas-sistema li fis-sistemi tiegħu sejra tinbena dik l-infrastruttura;

(d) il-piżijiet jiġu imposti fuq l-utenti ta' dik l-infrastruttura;

(e) l-eżenzjoni mhix detrminetali għall-kompetizzjoni jew għall-funzjonar effettiv tas-suq intern tal-gass jew il-funzjonar effettiv tas-sistema regolata li l-infrastruttura hija mqabbda magħha.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika ukoll għal żidiet sinifikanti fl-kapaċità ta' infrastrutturi eżistenti u għal modifiki ta' tali infrastrutturi li jippermettu l-iżvilupp ta' sorsi ġodda tal-fornitura tal-gass.

3. L-awtorità regolatorja msemmija fil-Kapitolu VIa tista', skond il-każ, tiddeċiedi dwar l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2. Fejn l-infrastruttura kkonċernata tkun tinsab fit-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed, l-Aġenzija għandha teżerċita l-kompiti kkonferiti fuq l-awtorità regolatorja minn dan l-Artikolu.

Eżenzjoni tista' tkopri l-kapaċità kollha jew parti minnha ta' l-infrastruttura l-ġdida, jew l-infrastruttura eżistenti b'kapaċità miżjuda b'mod sinifikanti.

Meta tittieħed deċiżjoni li tingħata eżenzjoni, għandu jitqies, fuq bażi ta' kull każ individwalment, għall-ħtieġa li jiġu imposti l-kundizzjonijiet rigward id-durata ta' l-eżenzjoni u l-aċċess mhux diskriminatorju għall-infrastruttura. Meta tittieħed deċiżjoni rigward dawk il-kundizzjonijiet, għandhom jitqiesu b'mod partikolari l-kapaċità żejda li għandha tinbena jew il-modifika tal-kapaċità eżistenti, il-medda ta' żmien prevista għall-proġett u ċ-ċirkostanzi nazzjonali.

Qabel ma tagħti eżenzjoni, l-awtorità regolatorja għandha tiddeċiedi dwar ir-regoli u l-mekkaniżmi għall-amministrazzjoni u l-allokazzjoni tal-kapaċità. Ir-regoli għandhom jesiġu li l-utenti kollha potenzjali ta' l-infrastruttura jkunu mistidnin jindikaw l-interess tagħhom fil-kapaċità tal-kuntrattar qabel ma tiġi allokata l-kapaċità għall-infrastruttura l-ġdida, inkluż għall-użu proprju. L-awtorità regolatorja għandha tesiġi li r-regoli għall-ġestjoni tal-konġestjoni jinkludu l-obbligu li tinbiegħ kapaċità ġdida fis-suq, u għandha tesiġi li l-utenti tal-faċilità jkunu intitolati jikkummerċjaw il-kapaċitjiet kuntrattati tagħhom fuq is-suq sekondarju. Fl-analiżi tagħha tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (e) ta' dan l-Artikolu, l-awtorità regolatorja għandha tqis ir-riżultati tal-proċedura ta' l-allokazzjoni ta' kapaċità.

Id-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni, li tinkludi kwalunkwe mill-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu, għandha tkun motivata u ppubblikata kif jixraq.

4. L-awtorità regolatorja għandha tibgħat lill-Kummissjoni minnufih kopja ta' kull talba għal eżenzjoni. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata mingħajr dewmien, mill-awtorità kompetenti lill-Kummissjoni, flimkien ma' l-informazzjoni rilevanti kollha rigward id-deċiżjoni. Din l-informazzjoni tista' tingħata lill-Kummissjoni f'forma aggregata, li tippermetti lill-Kumissjoni tasal għal deċiżjoni fuq bażi tajba. B'mod partikolari, l-informazzjoni għandu jkun fiha:

(a) ir-raġunijiet dettaljati li abbażi tagħhom l-awtorità regolatorja tat l-eżenzjoni, inkluża l-informazzjoni finanzjarja li tiġġustifika l-ħtieġa għall-eżenzjoni;

(b) l-analiżi li tikun saret dwar l-effett fuq il-kompetizzjoni u l-operat effettiv tas-suq intern tal-gass li jirriżultaw mill-għotja ta' l-eżenzjoni;

(c) ir-raġunijiet għall-perjodu ta' żmien u s-sehem tal-kapaċità totali ta' l-infrastruttura tal-gass in kwistjoni li għaliha ngħatat l-eżenzjoni;

(d) f'każ li l-eżenzjoni tirrigwarda interkonnettur, ir-riżultat tal-konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati;

(e) il-kontribut ta' l-infrastruttura għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-gass.

5. Fi żmien xahrejn wara li tkun rċeviet notifika, il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni li tirrikjedi lill-awtorità regolatorja temenda jew tirtira d-deċiżjoni li tingħata eżenzjoni. Dak il-perjodu għandu jibda l-għada tal-wasla tan-notifika. Il-perjodu ta' xahrejn jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra fejn il-Kummissjoni teħtieġ informazzjoni addizzjonali. Dak il-perjodu għandu jibda l-għada tal-wasla ta' l-informazzjoni addizzjonali kollha. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll ta' l-awtorità regolatorja. Meta l-informazzjoni mitluba ma tkunx ġiet ipprovvduta fil-perjodu stipulat fit-talba, in-notifika għandha titqies li ġiet irtirata jekk, sakemm qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, dan ma jkunx ġie estiż bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll ta' l-awtorità regolatorja, u sakemm l-awtorità regolatorja, fi stqarrija raġunata kif xieraq, ma tkunx informat lill-Kummissjoni li tikkunsidra li n-notifika hija kompluta.

L-awtorità regolatorja għandha tikkonforma mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex temenda jew tirtira d-deċiżjoni ta' eżenzjoni fi żmien erba' ġimgħat, u għandha tinforma lill-Kummissjoni skond dan.

Il-Kummissjoni għandha tippreserva l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

L-approvazzjoni tal-Kummissjoni ta' deċiżjoni dwar eżenzjoni ma għandhiex tibqa' fis-seħħ sentejn wara l-adozzjoni tagħha jekk, sa dak iż-żmien, il-bini ta' l-infrastruttura ma jkunx għadu beda, u ħames snin wara l-adozzjoni tagħha jekk, l-infrastruttura ma tkunx saret operazzjonali.

6. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida għall-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u tistipula l-proċedura li għandha tissegwa għall-applikazzjoni tal-paragrafi 4 u 5. Din il-miżura, maħsuba biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tappoġġaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(3)."

(14) Il-Kapitolu VIa li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 24:

"KAPITOLU VIa

AWTORITAJIET REGOLATORJI NAZZJONALI

*Artikolu 24a*
*Ħatra u indipendenza ta' l-awtoritajiet regolatorji*

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità regolatorja nazzjonali waħda.

2. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza ta' l-awtorità regolatorja u jiżguraw li teżerċita l-poteri tagħha b'mod imparzjali u trasparenti. Għal dan il-għan, Stat Membru għandu jiżgura li, meta twettaq il-kompiti regolatorji kkonferiti fuqha permezz ta' din id-Direttiva, l-awtorità regolatorja tkun distinta legalment u indipendenti funzjonalment minn kull entità oħra pubblika jew privata, u li l-persunal tagħha u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tagħha jaġixxu indipendentement minn kull interess tas-suq u ma jippruvawx ifittxu jew jieħdu istruzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew entità pubblika jew privata.

3. Sabiex titħares l-indipendenza ta' l-awtorità regolatorja, l-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li:

(a) l-awtorità regolatorja għandha personalità legali, awtonomija baġitarja, u riżorsi umani u finanzjarji biżżejjed biex twettaq id-dmirijiet tagħha;

(b) il-bord tat-tmexxija tagħha jinħatar għal perjodu fiss mhux rinovabbli ta' għall-inqas ħames snin, u jista' biss jitneħħa mill-inkarigu tiegħu matul il-mandat tiegħu jekk ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu jew minħabba li jkun ħati ta' kondotta ħażina serja."

*Artikolu 24b*
*L-għanijiet ta' politika ta' l-awtorità regolatorja*

Fit-twettiq tal-kompiti regolatorji speċifikati f'din id-Direttiva, l-awtorità regolatorja għandha tieħu l-miżuri kollha raġonevoli għall-ksib ta' dawn l-għanijiet:

(a) il-promozzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Aġenzij, l-awtoritajiet regolatorji ta' Stati Membri oħrajn u l-Kummissjoni, ta' suq intern tal-gass li jkun kompetittiv, sikur u ambjentalment sostenibbli fi ħdan il-Komunità, u ftuħ effettiv fis-suq għall-konsumaturi u l-fornituri kollha tal-Komunità;

(b) l-iżvilupp ta' swieq reġjonali kompetittivi u li jiffunzjonaw tajjeb fil-Komunità sabiex jinkiseb l-għan imsemmi fil-punt (a);

(c) it-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq il-kummerċ fil-gass naturali bejn l-Istati Membri, inkluż l-iżvilupp ta' kapaċitajiet xierqa ta' trażmissjoni transkonfinali li jilqgħu d-domanda, itejbu l-integrazzjoni ta' swieq nazzjonali u jippermettu l-fluss liberu tal-gass naturali madwar il-Komunità;

(d) li jiġi żgurat l-iżvilupp ta' sistemi sikuri, effiċjenti u ta' min joqgħod fuqhom, li jippromwovu l-effiċjenza fl-enerġija, l-adegwatezza tas-sistema u r-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jintlaħqu d-domanda u l-iżvilupp ta' teknoloġiji rinovabbli innovattivi u b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, fit-tul kif ukoll fiż-żmien qasir;

(e) li jiġi żgurat li l-operaturi tan-netwerk jingħataw inċentivi xierqa, kemm fit-tul kif ukoll fiż-żmien qasir, li jżidu l-effiċjenza fil-prestazzjoni tan-netwerk u jinkoraġġixxu l-integrazzjoni tas-suq;

(f) li jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tas-suq nazzjonali tagħhom, u li tiġi promossa kompetizzjoni effettiva f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet dwar il-kompetizzjoni.

*Artikolu 24c*
*Dmirijiet u setgħat ta' l-awtorità regolatorja*

1. L-awtorità regolatorja għandu jkollha d-dmirijiet li ġejjin:

(a) tiżgura l-konformità ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, u fejn rilevanti tal-proprjetarji tas-sistema rilevanti, kif ukoll ta' kwalunkwe impriża tal-gass naturali, ma' l-obbligi tagħhom skond din id-

Direttiva u leġiżlazzjoni oħra rilevanti tal-Komunità, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet transkonfinali;

(b) tikkoopera dwar kwistjonijiet transkonfinali ma' l-awtorità regolatorja jew l-awtoritajiet ta' dawk l-Istati Membri;

(c) tikkonforma ma' u timplimenta, d-deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija u tal-Kummissjoni;

(d) tirrapporta kull sena lill-awtoritajiet rilevanti ta' l-Istati Membri, lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni dwar l-attività tagħha u l-qadi tad-dmirijiet tagħha. Dan ir-rapport għandu jkopri l-passi kollha li ttieħdu u r-riżultati li nkisbu fir-rigward ta' kull wieħed mill-kompiti elenkati f'dan l-Artikolu;

(e) tiżgura li ma jkunx hemm kontrosussidji bejn it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-ħżin, l-LNG u l-attivitajiet tal-forniment;

(f) tirrevedi l-pjanijiet ta' investiment ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, u tipprovdi fir-rapport annwali tagħha valutazzjoni tal-pjan ta' investiment ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fir-rigward tal-konsistenza tiegħu mal-pjan ta' l-iżvilupp tan-netwerk madwar l-Ewropa fuq firxa ta' għaxar snin kif imsemmi fl-Artikolu 2c tar-Regolament (KE) Nru 1775/2005;

(g) tissorvelja s-sigurtà u l-affidabbiltà tan-netwerk, u tirrevedi r-regoli dwar is-sigurtà u l-affidabbiltà tan-netwerk;

(h) tissorvelja l-livell ta' trasparenza, tiżgura l-konformità ma' l-obbligi ta' trasparenza min-naħa ta' l-impriżi tal-gass naturali;

(i) tissorvelja l-livell ta' ftuħ fis-suq u ta' kompetizzjoni fil-livelli ta' bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, inklużi boroż tal-gass naturali, prezzijiet għall-bejgħ fid-djar, rati għall-bdil tal-fornitur, rati ta' diskonnessjoni u lmenti mill-utenti privati f'format miftiehem, kif ukoll kwalunkwe tixkil jew restrizzjoni tal-kompetizzjoni f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet dwar il-kompetizzjoni, inkluż billi tipprovdi kull tagħrif rilevanti, filwaqt li tgħaddi l-każijiet rilevanti lill-awtoritajiet dwar il-kompetizzjoni rilevanti;

(j) tissorvelja ż-żmien li jittieħed mill-impriżi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni biex isiru konnessjonijiet u tiswijiet;

(k) tissorvelja u tirrevedi l-kundizzjonijiet ta' l-aċċess għall-ħżin, linepack u servizzi oħrajn anċillari kif previst fl-Artikolu 19;

(l) bla ħsara għall-kompetenza ta' awtoritajiet regolatorji nazzjonali oħra, tiżgura standards għoljin tas-servizz pubbliku għall-gass naturali, tħares lill-klijenti vulnerabbli u tara li l-miżuri ta' ħarsien tal-konsumatur stabbiliti fl-Anness A jkunu effettivi;

(m) tippubblika rakkomandazzjonijiet, talanqas kull sena, dwar il-konformità tat-tariffi tal-forniment ma' l-Artikolu 3;

(n) tiżgura l-aċċess għad-dejta dwar il-konsum tal-klijent, l-applikazzjoni ta' format armonizzat għad-dejta dwar il-konsum u l-aċċess għad-dejta skond il-paragrafu (h) ta' l-Anness A;

(o) tissorvelja l-implimentazzjoni tar-regoli marbuta mar-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, ta' l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, il-fornituri u l-klijenti u ta' partijiet oħrajn fis-suq skond l-Artikolu 8b tar-Regolament (KE) Nru 1775/2005;

(p) tissorvelja l-applikazzjoni tajba tal-kriterji li jiddeterminaw jekk faċilità ta' ħżin taqax taħt l-Artikolu 19(3) jew 19(4).

2. Minbarra l-kompiti kkonferiti fuqu skond il-paragrafu 1, meta operatur indipendenti tas-sistema jkun inħatar skond dan l-Artikolu 9, l-awtorità regolatorja għandha:

(a) tissorvelja l-konformità tal-proprjetarju tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' l-operatur indipendenti tas-sistema ma' l-obbligi tagħhom skond dan l-Artikolu, u toħroġ penali għan-nuqqas ta' konformità skond il-paragrafu 3(d);

(b) tissorvelja r-relazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet bejn l-operatur indipendenti tas-sistema u l-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni sabiex tiġi żgurata l-konformità ta' l-operatur indipendenti tas-sistema ma' l-obbligi tiegħu, u b'mod partikolari għandha tapprova kuntratti u taġixxi bħala awtorità għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-operatur indipendenti tas-sistema u l-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni fir-rigward ta' kwalunkwe lment imressaq minn kwalunkwe wieħed minnhom f'konformità mal-paragrafu 7;

(c) bla ħsara għall-proċedura taħt il-paragrafu 2c ta' l-Artikolu 9, għall-ewwel pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-netwerk, tapprova l-ippjanar ta' l-investimenti u l-pjan multijannwali għall-iżvilupp tan-netwerk ippreżentati kull sena mill-operatur indipendenti tas-sistema;

(d) tiżgura li t-tariffi ta' l-aċċess għan-netwerk miġburin mill-operaturi tas-sistema indipendenti jkunu jinkludu ħlas għall-proprjetarju jew proprjetarji tan-netwerk, li jipprovdi/jipprovdu ħlas adegwat ta' l-assi tan-netwerk u ta' kwalunkwe investiment ġdid fihom;

(e) ikollha s-setgħat li twettaq spezzjonijiet fuq il-bini tal-proprjetarju tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' l-operatur indipendenti tas-sistema.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji jingħatawlhom is-setgħat li jippermettulhom iwettqu d-dmirijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u 2 b'mod effiċjenti u mħaffef. Għal dan il-għan, l-awtorità regolatorja għandu jkollha talanqas dawn is-setgħat:

(a) li toħroġ deċiżjonijiet li jorbtu lill-impriżi tal-gass;

(b) li tagħmel investigazzjonijiet tas-swieq tal-gass oeprattivi, flimkien ma' l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, u li tiddeċiedi, fin-nuqqas ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, dwar kwalunkwe miżuri xierqa meħtieġa u proporzjonati għall-promozzjoni ta' kompetizzjoni effettiva u sabiex jiġi żgurat it-tħaddim xieraq tas-suq, inklużi l-programmi għar-rilaxx tal-gass;

(c) li titlob għal kwalunkwe informazzjoni mill-impriżi tal-gass naturali li tkun rilevanti għall-qadi tad-dmirijiet tagħha;

(d) li timponi sanzjonijiet effettivi, xierqa u diżwassivi fuq impriżi tal-gass naturali li ma jikkonformawx ma’ l-obbligi tagħhom skond din id-Direttiva jew ma’ kwalunkwe deċiżjoni ta’ l-awtorità regolatorja jew ta’ l-Aġenzija;

---

(e) li jkollha d-drittijiet xierqa ta’ investigazzjoni, u setgħat rilevanti biex tagħti struzzjonijiet dwar is-soluzzjoni ta’ tilwim skond il-paragrafi 7 u 8;

(f) li tapprova miżuri ta' ħarsien kif jissemma fl-Artikolu 26.

4. L-awtoritajiet regolatorji għandhom ikunu responsabbli li jiffissaw jew japprovaw qabel id-dħul fis-seħħ it-termini u l-kundizzjonijiet għal:

(a) il-konnessjoni u l-aċċess għan-netwerks nazzjonali, inklużi tariffi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, u termini, kundizzjonijiet u tariffi għall-aċċess għall-faċilitajiet LNG. Dawn it-tariffi, għandhom jippermettu l-investimenti meħtieġa fin-netwerks u faċilitajiet LNG li jsiru b’mod li jippermetti lil dawn l-investimenti li jaċċertaw il-vijabbiltà tan-netwerks u tal-faċilitajiet LNG;

(b) il-provvediment ta’ servizzi ta’ bilanċjar.

5. Meta jiffissaw jew japprovaw it-tariffi, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jiżguraw li l-operaturi tan-netwerk jingħataw inċentiva tajba biżżejjed, kemm fit-tul kif ukoll fiż-żmien qasir, biex iżidu l-effiċjenzi u jinkoraġġixxu l-integrazzjoni tas-suq, u jappoġġaw l-attivitajiet ta' riċerka relatati.

6. L-awtoritajiet regolatorji għandu jkollhom l-awtorità li jirrikjedu lil operaturi tat-trasmissjoni, tal-ħżin, ta' l-LNG u tad-distribuzzjoni, jekk meħtieġ, li jimmodifikaw it-termini u l-kundizzjonijiet, inklużi t-tariffi msemmija f'dan l-Artikolu, biex jaċċertaw li huma proporzjonati u applikati b’mod mhux diskriminatorju.

7. Kwalunkwe parti li jkollha lment kontra operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, ta' l-LNG jew distribuzzjoni tista' tirreferi l-ilment lill-awtorità regolatorja li, waqt li tkun qed taġixxi bħala awtorità li ssolvi l-kwistjoni, għandha tagħti deċiżjoni fi żmien xahrejn minn wara li din tkun irċeviet l-ilment. Dan il-perjodu jista’ jiġi estiż b’xahrejn fejn tintalab aktar informazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji. Dan il-perjodu jista’ jiġi estiż bil-ftehim tal-persuna li tkun għamlet l-ilment. Din id-deċiżjoni għandu jkollha effett li jorbot kemm-il darba u sakemm tiġi rrevokata b’appell.

8. Kwalunkwe parti li tkun affettwata u li jkollha d-dritt li tressaq ilment dwar deċiżjoni fuq metodoloġiji meħuda skond dan l-Artikolu jew, fejn l-awtorità regolatorja jkollha l-obbligu li tikkonsulta ruħha dwar il-metodoloġiji proposti, din tista', minn ta' l-anqas fi żmien xahrejn, jew f'perjodu iqsar kif deċiż mill-Istati Membri, wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni jew il-proposta għad-deċiżjoni, tissottometti l-ilment għar-reviżjoni. Tali lment ma għandux iwassal għal xi sospensjoni.

9. L-Istati Membri għandhom joħolqu mekkaniżmi xieraq u effiċjenti għar-regolament, kontroll u trasparenza sabiex jiġi evitat abbuż ta' posizzjoni dominanti, b'mod partikolari bi żvantaġġ għall-konsumaturi, u kwalunkwe aġir predatorju. Dawn il-mekkaniżmi għandhom iqisu d-disposizzjonijiet tat-Trattat, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu.

10. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li jittieħdu l-passi xierqa, inklużi azzjoni amministrativa jew proċeduri kriminali b'mod konformi mal-liġi nazzjonali tagħhom, kontra l-persuni naturali jew legali responsabbli fejn ir-regoli tal-kunfidenzjalità imposti minn din id-Direttiva ma jkunux ġew rispettati.

11. L-ilmenti msemmija fil-paragrafi 7 u 8 għandhom ikunu bla ħsara għall-eżerċitu tad-drittijiet ta' l-appell taħt il-liġijiet Komunitarji u nazzjonali.

12. Id-Deċiżjonijiet ta' l-awtoritajiet regolatorji għandhom ikunu motivati.

13. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mekkaniżmi xierqa fuq il-livell nazzjonali li taħthom, entità affettwata minn deċiżjoni ta' l-awtorità nazzjonali regolatorja jkollha d-dritt ta' l-appell lil korp li huwa indipendenti mill-partijiet involuti.

14. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida għall-implimentazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tas-setgħat deskritti f'dan l-Artikolu. Din il-miżura, maħsuba biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tappoġġaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(3)"

*Artikolu 24d*
*Reġim regolatorju għal kwistjonijiet transkonfinali*

1. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jikkooperaw mill-qrib u jikkonsultaw flimkien, u għandhom jipprovdu lil xulin u lill-Aġenzija kwalunkwe informazzjoni meħtieġa biex jaqdu l-kompiti tagħhom taħt din id-Direttiva. Fir-rigward ta' l-informazzjoni li tiġi skambjata, l-awtorità li tirċievi għandha tiżgura l-istess livell ta' kunfidenzjalità bħal dik meħtieġa mill-awtorità li tibgħat l-informazzjoni kkonċernata.

2. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jikkooperaw talanqas fil-livell reġjonali biex jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' arranġamenti ta' operat sabiex tiġi żgurata ġestjoni ottima tan-netwerk, sabiex jiġu żviluppati skambji konġunti ta' gass u l-allokazzjoni ta' kapaċità transkonfinali, kif ukoll sabiex jiġi żgurat livell minimu ta' kapaċità ta' interkonnessjoni fir-reġjun li jippermetti l-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva.

3. L-Aġenzija għandha tiddeċiedi dwar ir-reġim regolatorju għall-infrastruttura li tgħaqqad talanqas żewġ Stati Membri.

(a) fuq talba konġunta mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti, jew,

(b) meta l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti ma jkunx irnexxiehom jiftiehma dwar reġim regolatorju xieraq, xi żmien sitt xhur mid-data li l-fajl ikun tressaq quddiem l-aħħar waħda mill-awtoritajiet regolatorji.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida dwar l-ambitu tad-dmirijiet ta' l-awtoritajiet regolatorji biex jikkooperaw ma' xulxin u ma' l-Aġenzija, u dwar is-sitwazzjonijiet li fihom l-Aġenzija ssir kompetenti biex tiddeċiedi dwar ir-reġim regolatorju għall-infrastrutturi li jgħaqqdu talanqas żewġ Stati Membri. Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jappoġġawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(3).

*Artikolu 24e*
*Konformità mal-Linji gwida*

1. Kwalunkwe awtorità regolatorja u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu l-opinjoni ta' l-Aġenzija dwar il-konformità ta' deċiżjoni meħuda minn awtorità regolatorja mal-linji gwida msemmija f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (KE) Nru 1775/2005.

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi l-opinjoni tagħha lill-awtorità regolatorja li talbet lilha jew lill-Kummissjoni, rispettivament, u lill-awtorità regolatorja li tkun ħadet id-deċiżjonijiet kkonċernata fi żmien erba' xhur.

3. Meta l-awtorità regolatorja li tkun ħadet deċiżjoni ma tikkonformax ma' l-opinjoni ta' l-Aġenzija fi żmien erba' xhur mid-data ta' l-irċevuta, l-Aġenzija għandha tgħarraf lill-Kummissjoni.

4. Kwalunkwe awtorità regolatorja tista' tgħarraf lill-Kummissjoni meta tqis li deċiżjoni meħuda minn awtorità regolatorja ma tikkonformax mal-linji gwida msemmija f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 fi żmien xahrejn mid-data ta' dik id-deċiżjoni.

5. Meta l-Kummissjoni, fi żmien xahrejn minn meta tkun ġiet mgħarrfa mill-Aġenzija skond il-paragarfu 3 jew minn awtorità regolatorja skond il-paragrafu 4, jew fuq l-inizjattiva tagħha fi żmien tliet xhur mid-data tad-deċiżjoni ssib li d-deċiżjoni ta' l-awtorità regolatorja tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mal-linji gwida msemmija f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (KE) Nru 1775/2005, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi tiftaħ il-proċedimenti. F'każ bħal dan, għandha tistieden lill-awtorità regolatorja u lill-parteċipanti fil-proċedimenti quddiem l-awtorità regolatorja biex iressqu l-kummenti.

6. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi tiftaħ proċedimenti, għandha, fi żmien massimu ta' erba' xhur mid-data ta' deċiżjoni bħal din, toħroġ deċiżjoni finali:

(a) biex ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra d-deċiżjoni ta' l-awtorità regolatorja;

jew

(b) li tesiġi li l-awtorità regolatorja kkonċernata temenda jew tirtira d-deċiżjoni tagħha jekk tqis li l-linji gwida ma ġewx rispettati.

7. Meta l-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni biex tiftaħ il-proċedimenti jew deċiżjoni finali fil-perjodu stabbilit fil-paragrafi 5 u 6 rispettivament, għandu jitqies li l-Kummissjoni ma qajmet ll-ebda oġġezzjoni għad-deċiżjoni ta' l-awtorità regolatorja.

8. L-awtorità regolatorja għandha tikkonforma mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex temenda jew tirtira d-deċiżjoni fi żmien xahrejn, u għandha tinforma lill-Kummissjoni skond dan.

9. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-linji gwida li jistipulaw id-dettalji tal-proċedura li għandhom jiġu segwiti għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Din il-miżura, maħsuba biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tappoġġaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(3).

*Artikolu 24f*
*Żamma tar-reġistri*

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-impriżi tal-forniment li jżommu għad-dispożizzjoni ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali, l-awtorità nazzjonali tal-Kompetizzjoni u l-Kummissjoni, għal talanqas ħames snin, id-dejta rilevanti li għandu x'jaqsam mat-tranżazzjonijiet kollha fil-forniment tal-gass u d-derivattivi tal-gass ma' klijenti bl-ingrossa u operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni kif ukoll l-operaturi tal-ħżin u ta' l-LNG.

2. Id-dejta għandha tinkludi d-dettalji dwar karatteristiċi tat-tranżazzjonijiet rilevanti, bħad-dewmien, it-twassil u r-regoli ta ħlas, il-kwantità, id-dati u l-ħinijiet ta' eżekuzzjoni u l-prezzijiet tat-tranżazzjoni, u l-mezzi għall-identifikazzjoni tal-klijent bl-ingrossa kkonċernat, kif ukoll dettalji speċifiċi dwar il-kuntratti kollha miftuħin fil-kuntratti tal-forniment tal-gass u tad-derivattivi tal-gass.

3. L-awtorità regolatorja tista' tiddeċiedi li tagħmel disponibbli lill-parteċipanti fis-suq l-elementi ta' din l-informazzjoni, sakemm ma tiġix rilaxxata xi informazzjoni li tkun kummerċjalment sensittiva dwar atturi individwali fis-suq jew dwar tranżazzjonijiet individwali. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal informazzjoni dwar strumenti finanzjarji li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2004/39/KE.

4. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida li jiddefinixxu l-metodu u l-arranġamenti għaż-żamma tar-reġistri kif ukoll il-forma u l-kontenut tad-dejta li għandha tinżamm. Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi

jappoġġawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(3).

5. Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet fid-derivattivi tal-gass ta' impriżi ta' forniment ma' klijenti bl-ingrossa u ma operaturi ta' sistemi tat-trażmissjoni kif ukoll operaturi tal-ħżin u ta' l-LNG, dan l-Artikolu japplika biss biss ladarba l-Kummissjoni tkun adottat il-linji gwida msemmija fil-paragrafu 4.

6. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma għandhomx joħolqu obbligi addizzjonali vis-à-vis l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għall-entitajiet li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2004/39/KE.

7. Fil-każ li l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jeħtieġu aċċess għad-dejta miżmuma mill-entitajiet li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2004/39/KE, l-awtoritajiet responsabbli taħt dik id-Direttiva għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 bid-dejta meħtieġa.

(15) L-Artikolu 25 jitħassar.

(16) L-Artikolu 30 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 30*
*Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għajnuna ta' kumitat.

2. Kull fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 8 tagħha."

(17) Fl-Anness A, il-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu:

"(h) għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom id-dejta dwar il-konsum, u għandhom ikunu jistgħu, bi ftehim espliċitu u mingħajr ħlas, jagħtu lil kwalunkwe impriża li għandha liċenzja ta’ forniment ta' aċċess għad-dejta tagħha dwar il-metraġġ. Il-parti responsabbli għall-ġestjoni tad-dejta ikollha l-obbligu li tgħaddi din id-dejta lill-impriża. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu format għad-dejta kif ukoll proċedura għall-fornituri u għall-konsumaturi biex ikollhom aċċess għad-dejta. L-ebda spiża addizzjonali ma tista’ tiġi ddebitata lill-konsumatur għal dan is-servizz.

(i) għandhom kull xahar jiġu infurmati tajjeb dwar il-konsum attwali tal-gass u l-ispejjeż. L-ebda spiża addizzjonali ma tista’ tiġi ddebitata lill-konsumatur għal dan is-servizz.

(j) fi kwalunkwe żmien fis-sena jistgħu jbiddlu l-fornitur, u kont li jkollu klijent mal-fornitur ta’ qabel ma għandux jiġi mħallas aktar tard minn xahar wara l-aħħar forniment mill-fornitur ta’ qabel."

*Artikolu 2*
*Trasponiment*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jiġu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ]. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

   Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet minn 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-[...] ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, […]

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| *[...]* | |